IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.6.2024
COM(2024) 600 final

# KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI U LILL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT

## Semestru Ewropew 2024 - Il-Pakkett tar-Rebbiegħa

MT MT

# 1. INTRODUZZJONI

**Matul dawn l-aħħar ħames snin l-UE tat prova ta' livell għoli ta' reżiljenza ekonomika u soċjali hekk kif ħabbtet wiċċha ma' xokkijiet kbar, b'mod partikolari bis-saħħa ta' rispons politiku kkoordinat.** L-UE u l-Istati Membri tagħha ffaċċjaw b'suċċess il-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19, tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u taż-żidiet relatati fil-prezzijiet tal-enerġija u ż-żieda fl-inflazzjoni. Filwaqt li l-ekonomija tal-UE irkuprat sew wara l-pandemija, fl-2023 il-konsegwenzi tal-kriżi tal-enerġija b'kaġun tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja wasslu għal tnaqqis sinifikanti fir-ritmu ekonomiku. It-tkabbir mistenni jiżdied gradwalment matul din is-sena u s-sena d-dieħla. Is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u soċjali appoġġa risponsi ta' politika mmirati lejn il-kisba ta' rkupru sostenibbli u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, filwaqt li saħħaħ ir-reżiljenza tal-UE. Dan identifika l-ħtiġijiet speċifiċi ta' riforma u ta' investiment tal-Istati Membri, filwaqt li indirizza kemm l-isfidi li ilhom jeżistu kif ukoll dawk ġodda, u ggwida r-reazzjonijiet tagħhom għall-kriżi tal-COVID-19 u għax-xokkijiet fil-provvista u fil-prezzijiet tal-enerġija. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs, country-specific recommendations), li ġew proposti mill-Kummissjoni u approvati mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, kienu l-pedament tal-programmazzjoni skont il-politika ta' koeżjoni u għall-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs, recovery and resilience plans), inklużi l-kapitoli tar-REPowerEU, li tħejjew mill-Istati Membri biex jindirizzaw l-isfidi msemmija hawn fuq fil-qafas tan-NextGenerationEU. Barra minn hekk, is-Semestru għadu kruċjali għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u għall-kisba tal-miri ewlenin tal-UE 2030 għall-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar.

**Is-Semestru Ewropew ippermetta li l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE jappoġġaw l-objettivi ta' politika tal-UE b'mod immirat u effiċjenti.** L-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF, Recovery and Resilience Facility), li tinsab għaddejja bħalissa, fosthom l-introduzzjoni ta' kapitoli ddedikati tar-REPowerEU fl-RRPs nazzjonali, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, u l-użu tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, għad għandha rwol ċentrali fit-tfassil tal-aġendi ta' riforma u investiment fl-Istati Membri kollha. Kif ġie stabbilit fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli, iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew tal-2024 jesplora l-komplementarjetajiet u s-sinerġiji bejn l-istrumenti ta' finanzjament differenti tal-UE u l-azzjonijiet ta' riforma u ta' investiment tal-Istati Membri u jqis l-implimentazzjoni tal-RRPs u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni li tinsab għaddejja bħalissa. Sal-lum l-RRF żborżat aktar minn EUR 240 biljun lill-Istati Membri f'għotjiet u self, li jirrappreżentaw 37 % tal-fondi totali li huma disponibbli. Barra minn hekk, mill-bidu tal-pandemija tal-COVID-19 ġew żborżati aktar minn EUR 256 biljun fl-ambitu tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni. Kif joħroġ fid-dieher fir-rapporti tal-pajjiżi ta' din is-sena, dawn l-istrumenti u programmi oħra ta' finanzjament tal-UE appoġġaw l-irkupru tal-UE lejn futur aktar ekoloġiku, aktar diġitali, aktar ġust u aktar reżiljenti permezz tal-ħolqien tal-impjiegi, it-titjib fil-kompetittività, l-istabbiltà makroekonomika u l-koeżjoni territorjali u soċjali. Barra minn hekk, dan iċ-ċiklu tas-Semestru jagħti gwida fid-dawl tar-rieżami ta' nofs it-terminu li jmiss tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni. Dan jinkludi sejħa biex l-opportunitajiet ipprovduti mill-inizjattiva tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform) jinħatfu biex jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-manifattura f'teknoloġiji kritiċi, filwaqt li jiġu promossi kundizzjonijiet ekwi.

**L-UE hija determinata li tieħu passi oħrajn biex tiżgura l-kompetittività, il-prosperità u t-tmexxija fit-tul tagħha fix-xena globali u biex issaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa**

**tagħha.** L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom ir-riżorsi sodi li jservu ta' sisien: ħaddiema bi kwalifiki għoljin; eċċellenza fir-riċerka; infrastruttura ta' kwalità; bażi ta' manifattura solida f'setturi ewlenin; settur tas-servizzi b'saħħtu; sistemi ta' protezzjoni soċjali żviluppati sew u strateġija komprensiva għal tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Barra minn hekk, l-erba' libertajiet tas-suq uniku huma mutur qawwi għall-konverġenza u t-tkabbir, filwaqt li jippromwovu ekonomija soċjali tas-suq tassew kompetittiva, koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u kundizzjonijiet ekwi. Il-konverġenza ekonomika hija partikolarment evidenti għat-13-il Stat Membru li ssieħbu fl-UE fl-2004 u li raw irkupru ekonomiku u soċjali impressjonanti u mingħajr waqfien li għamluhom reżiljenti għall-kriżijiet ewlenin li ħabbtet wiċċha magħhom l-UE ([1]). Madankollu, l-ekonomija tal-UE qed tiffaċċja sfidi għall-kompetittività tagħha, tkabbir baxx tal-produttività, intensifikat minn dinamiċi dgħajfa tal-investiment, u nuqqas persistentement għoli ta' ħaddiema u ħiliet. Hemm ukoll lok għal aktar konverġenza ekonomika u soċjali 'l fuq, kemm bejn l-Istati Membri kif ukoll fihom. L-UE ser tissokta tindirizza l-isfidi strutturali li jfixklu l-kompetittività u r-reżiljenza tagħha. Dan jirrikjedi l-approfondiment tas-suq uniku fl-erba' dimensjonijiet tiegħu; investimenti ffukati tajjeb fil-livell tal-UE, u fil-livelli nazzjonali u reġjonali; u aġenda ta' riforma ambizzjuża. Minbarra l-analiżi tal-Kummissjoni ([2]), ir-rapport ta' livell għoli ta' Enrico Letta ([3]) jistabbilixxi proposti konkreti li jinformaw id-diskussjoni dwar il-futur tas-suq uniku madwar oqsma ta' prijorità ewlenin ([4]). Ir-rapport ta' livell għoli dwar il-kompetittività tal-UE ta' Mario Draghi se jkun ta' gwida supplimentari. F'dan il-Pakkett tar-Rebbiegħa, il-Kummissjoni tipprovdi analiżi u tipproponi CSRs li jindirizzaw l-ostakli ewlenin u joħolqu l-aħjar kundizzjonijiet li jagħtu spinta lill-kompetittività, filwaqt li jallinjaw dawn l-azzjonijiet mal-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU min-naħa tal-UE.

## 2. QAFAS RIVEDUT TAL-GOVERNANZA EKONOMIKA

**Il-leġiżlazzjoni riveduta li tirriforma l-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE daħlet fis-seħħ fit-30 ta' April 2024 ([5]).** Ir-riforma tindirizza n-nuqqasijiet tal-qafas preċedenti, u tagħmlu aktar sempliċi, aktar trasparenti u effettiv, b'aktar sjieda nazzjonali u infurzar aħjar. Il-qafas riformat għandu l-għan li jsaħħaħ is-sostenibbiltà tad-dejn permezz ta' konsolidazzjoni fiskali gradwali filwaqt li jissalvagwardja l-investiment pubbliku. Jippromwovi tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Istati Membri kollha permezz ta' riformi u investimenti, inkluż f'oqsma strateġiċi bħat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, ir-reżiljenza soċjali u ekonomika u l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, is-sigurtà tal-enerġija u l-bini ta' kapaċitajiet ta' difiża. Il-qafas riformat se jkun inkorporat bis-sħiħ fis-Semestru Ewropew. Fil-qalba tal-qafas il-ġdid hemm li l-Istati Membri huma mistennija jħejju pjanijiet fiskali strutturali fuq terminu medju, u fihom se jistabbilixxu l-perkorsi tan-nefqa tagħhom u r-riformi u l-investimenti prijoritarji tagħhom għall-erba' snin li ġejjin. Il-kredibbiltà tal-qafas il-ġdid se tkun sostnuta mill-assoċjazzjoni tal-parlamenti nazzjonali u partijiet ikkonċernati nazzjonali oħra, fosthom istituzzjonijiet fiskali

([1]) Spjegati fi standards tal-kapaċità tal-akkwist, il-PDG per capita tal-10 Stati Membri "ġodda" li ssieħbu fl-UE 20 sena ilu żdied minn 51 % fiż-żmien l-adeżjoni fl-2004, għal 79 % fl-2023. Ara t-tbassir tar-Rebbiegħa 2024 tal-Kummissjoni Ewropea (2024).
([2]) Pereżempju fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kompetittività fit-tul; Ir-Ir-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività għall-2024 u d-Disa' rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali".
([3]) Enrico Letta, 'Much more than a market' (April 2024) (europa.eu).
([4]) Bħat-titjib tal-aċċess tal-kumpaniji Ewropej għall-kapital; it-tnaqqis tal-kost tal-enerġija; it-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol tagħna; it-tisħiħ tal-kummerċ mal-bqija tad-dinja
([5]) Id-dħul fis-seħħ ta' din il-leġiżlazzjoni jimmarka t-tmiem tar-rieżami tal-governanza ekonomika li kien inbeda mill-Kummissjoni fi Frar 2020. Fis-26 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposti leġiżlattivi.

indipendenti u sħab soċjali, b'mod partikolari fit-tħejjija tal-pjanijiet. Dan il-proċess għandu jsaħħaħ is-sjieda nazzjonali billi jagħti aktar flessibbiltà lill-Istati Membri b'rabta mat-tfassil tal-perkorsi ta' aġġustament fiskali tagħhom, u jistabbilixxi impenji ta' riforma u investiment, f'konformità mal-prijoritajiet komuni tal-UE u l-investimenti meħtieġa fil-beni pubbliċi Ewropej. L-Istati Membri se jippreżentaw rapporti ta' progress annwali biex jiffaċilitaw monitoraġġ u infurzar aktar effettivi tal-implimentazzjoni tal-impenji tagħhom.

**Il-Kummissjoni qed taħdem mal-Istati Membri biex tiżgura l-preżentazzjoni, il-valutazzjoni u l-approvazzjoni f'waqthom tal-ewwel sett ta' pjanijiet fiskali strutturali fuq terminu medju.** Fil-21 ta' Ġunju, il-Kummissjoni mistennija toħroġ bi gwida dwar ir-rekwiżiti ta' informazzjoni għall-pjanijiet u r-rapporti ta' progress annwali sussegwenti lill-Istati Membri. Fejn japplika, il-Kummissjoni se tibgħat lill-Istati Membri gwida numerika dwar l-aġġustamenti fiskali (it-trajettorji referenzjarji u l-informazzjoni teknika). Fis-segwitu ta' din il-gwida, l-Istati Membri u l-Kummissjoni se jkollhom djalogi tekniċi biex jgħinu fit-tħejjija tal-pjanijiet. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-ewwel pjan fiskali-strutturali tagħhom fuq terminu medju fil-ħarifa. L-iskadenza legali hija l-20 ta' Settembru dment li l-Istat Membru u l-Kummissjoni ma jaqblux li jestendu dik l-iskadenza b'perjodu raġonevoli. Sabiex jiġi żgurat li l-baġits għall-2025 ikunu l-ewwel pass fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet fiskali strutturali ta' terminu medju u biex jiġi żgurat li jiġu implimentati bis-sħiħ mill-2025 'il quddiem, il-pjanijiet fiskali-strutturali fuq terminu medju se jiġu vvalutati flimkien mal-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro, li jridu jiġu ppreżentati sal-15 ta' Ottubru.

**Is-CSRs, inklużi dawk proposti mill-Kummissjoni f'dan il-Pakkett tar-Rebbiegħa, jirfdu bis-sħiħ l-impenji ta' riforma u investiment li għandhom jiġu stabbiliti fil-pjanijiet fiskali strutturali tal-Istati Membri fuq terminu medju.** Il-pjanijiet se jispjegaw kif l-Istati Membri biħsiebhom jiżguraw it-twettiq ta' riformi u investimenti bħala rispons għall-isfidi ewleninli ġew identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u għall-prijoritajiet komuni tal-UE. Meta Stat Membru jippreżenta sett ta' impenji ta' riforma u ta' investiment li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament sa tliet snin, jenħtieġ li dawn l-impenji jirriżultaw f'titjib sostenibbli tal-potenzjal tat-tkabbir u tar-reżiljenza tal-ekonomija tal-Istat Membru kkonċernat, u jappoġġaw is-sostenibbiltà fiskali, jiżguraw investiment pubbliku sostnut, u jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż kif ukoll il-prijoritajiet komuni tal-Unjoni.

## 3. OBJETTIVI EWLENIN GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-PAJJIŻI TAL-2024

**Ir-rapporti tal-pajjiżi tal-2024 janalizzaw b'mod komprensiv l-iżviluppi ekonomiċi u soċjali tal-Istati Membri u jagħtu ħarsa ġenerali lejn il-kompetittività tagħhom.** Ir-rapporti jidentifikaw l-isfidi pendenti ewlenin li għandhom bżonn aktar azzjoni politika, b'enfasi fuq il-kompetittività. Huma joffru wkoll valutazzjoni aġġornata tal-progress li sar fl-implimentazzjoni ta' CSRs tal-passat, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-miri relatati tal-UE 2030 għall-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar kif ukoll il-miri tal-SDGs. Similarment, ir-rapporti jqisu l-implimentazzjoni tal-RRPs li tinsab għaddejja, fosthom il-kapitoli REPowerEU tagħhom, u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni, li jiddeskrivu kif dawn l-istrumenti jimxu id f'id. Barra minn hekk, jidentifikaw il-prijoritajet ewlenin fid-dawl tar-rieżami ta' nofs it-terminu li jmiss tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni.

**Abbażi tal-analiżi fir-rapporti tal-pajjiżi, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għas-CSRs għandhom l-għan li jsaħħu l-kompetittività tal-Istati Membri.** L-Istati Membri

mistiedna jaġixxu malajr u jiżguraw l-implimentazzjoni f'waqtha tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni kif ukoll ir-riformi u l-investimenti fl-RRPs tagħhom, fosthom dawk fil-kapitoli tar-REPowerEU. Minkejja l-progress kontinwu li sar, xi Stati Membri qed iħabbtu wiċċhom ma' dewmien sostanzjali u diffikultajiet sinifikanti, li jeħtieġu azzjoni rapida. Is-CSRs ikomplu jidentifikaw sfidi li mhumiex indirizzati għalkollox jew li mhumiex indirizzati fl-RRPs. Fl-istess waqt, tfaċċaw sfidi u prijoritajiet politiċi ġodda, filwaqt li dawk eżistenti fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq il-kompetittività ġew amplifikati - dawn jirrikjedu lill-Istati Membri jieħdu azzjoni politika addizzjonali. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri mistennija jinkludu riformi u investimenti fil-pjanijiet fiskali strutturali ta' terminu medju li jmiss tagħhom([6]), fost affarijiet oħra, biex jirfdu l-possibbiltà ta' estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament. Barra minn hekk, ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni huwa opportunità biex jiġu eżaminati l-isfidi u l-vulnerabbiltajiet li ħarġu aktar fid-dieher minn mindu ġew approvati l-aħħar programmi.

Is-CSRs ta' kull Stat Membru jinkludu:

1. rakkomandazzjoni dwar il-politika fiskali, inkluż ir-riformi fiskali strutturali fejn rilevanti;
2. rakkomandazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-RRP u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni, b'kunsiderazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-pajjiż fir-rigward tal-implimentazzjoni, li tinkludi gwida fid-dawl tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni;
3. fejn rilevanti, aktar rakkomandazzjonijiet dwar sfidi pendenti u/jew emerġenti ġodda, li jiffukaw fuq it-titjib tal-kompetittività.

## 4. L-ISFIDI LI GĦAD FADAL FIL-FUTUR

### 4.1 Stabbiltà makroekonomika

**Fl-2024 it-tkabbir ekonomiku tal-UE mistenni jiżdied gradwalment, għalkemm mhux bl-istess pass fl-Istati Membri.** It-tkabbir qawwi tal-PDG fl-2021-2022, flimkien mal-inflazzjoni għolja, wassal għal tnaqqis sinifikanti fil-proporzjonijiet tad-dejn għall-PDG. Dan it-tnaqqis mistenni jonqos f'kuntest ta' inflazzjoni aktar baxxa u tkabbir li għadu moderat. Wara t-tnaqqis fl-2023, it-tkabbir tal-PDG mistenni jiżdied gradwalment u jilħaq il-1,0 % fl-2024 u 1,6 % fl-2025. Min-naħa esterna, it-tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet tal-enerġija fl-2023 tejjeb il-pożizzjonijiet tal-kontijiet kurrenti fl-Ewropa. Fil-kuntest tal-proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku, il-Kummissjoni identifikat vulnerabbiltajiet relatati ma' żbilanċi makroekonomiċi jew żbilanċi eċċessivi f'disa' Stati Membri . Il-Kaxxa 2 tiġbor fil-qosor is-sejbiet rigward l-iżbilanċi makroekonomiċi fl-Istati Membri.

**L-aċċellerazzjoni tat-tlestija tal-Unjoni Bankarja u progress fuq l-Unjoni tas-Swieq Kapitali se jkomplu jissalvagwardjaw l-istabbiltà finanzjarja u huma essenzjali għall-finanzjament tat-tranżizzjoni doppja, dik ekoloġika u diġitali, u tagħti spinta lill-kompetittività.** Is-sistema bankarja tal-UE hija soda, kif ġie kkonfermat mir-riżultati tal-aħħar simulazzjonijiet ta' kriżi tal-Awtorità Bankarja Ewropea u l-Bank Ċentrali Ewropew. Madankollu, il-prospettiva għas-sistema finanzjarja tal-UE hija aktar diffiċli bi prospetti ta' żidiet fil-kostijiet tal-finanzjament, tnaqqis fl-introjtu mill-imgħax, u tkabbir aktar kajman tas-self flimkien ma' tkabbir ekonomiku modest. L-

([6]) Il-pjan għandu jispjega kif se jiġi żgurat li jitwettqu l-investimenti u r-riformi li jirrispondu għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi jistgħu jitqiesu "rilevanti" dment li l-Istat Membru jkun għadu ma għamilx rakkomandazzjonijiet "sħaħ" jew "sostanzjali" skont it-tifsira tal-eżerċizzju ta' sorveljanza tas-Semestru Ewropew.

ikkompletar tal-Unjoni Bankarja, inkluż permezz tal-introduzzjoni ta' skema komuni ta' assigurazzjoni tad-depożiti, hija prijorità ewlenija biex tissaħħaħ l-stabbiltà finanzjarja filwaqt li l-ekonomija tal-UE tingħata finanzjament xieraq. Sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet finanzjarji sostanzjali marbuta mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u biex jiġu xprunati l-innovazzjoni u l-kompetittività, l-opportunitajiet ta' finanzjament ibbażati fuq is-suq iridu jikkomplementaw il-finanzjament bankarju u jsiru disponibbli b'mod urġenti b'mod aktar wiesa' u faċli fl-Ewropa. Iż-żieda tal-produttività, ir-reżiljenza u l-kompetittività tal-ekonomija tal-UE tiddependi fuq swieq kapitali integrati, profondi u likwidi li jistgħu jagħmlu l-aħjar użu mit-tfaddil tal-Ewropej u jallokaw il-kapital b'mod aktar effiċjenti, inkluż għal negozji innovattivi ġodda u dawk li qed jespandu. F'konformità mal-Konklużjonijiet reċenti tal-Kunsill Ewropew u d-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro, il-Kummissjoni tissokta taħdem fuq miżuri biex jinħoloq suq uniku ġenwin għall-kapital għall-benefiċċju taċ-ċittadini u għan-negozji madwar l-Unjoni.

**Id-dħul fis-seħħ tal-qafas tal-governanza ekonomika rivedut ifisser li l-2024 hija sena ta' tranżizzjoni għall-koordinazzjoni tal-politika fiskali fl-UE.** F'dawn l-aħħar snin il-kriżi tal-COVID-19, iż-żieda temporanja fil-prezzijiet tal-enerġija, u r-rispons politiku meħtieġ ikkontribwew għal żieda sostanzjali fid-dejn pubbliku f'diversi Stati Membri. Issa l-appoġġ fiskali jenħtieġ li jitnaqqas sabiex id-dejn jibda jitnaqqas jew biex jinżamm f'livelli prudenti. Għall-2024, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' Lulju 2023 jinkludu gwida kwantifikata li għadha valida. Għall-2025 u lil hinn, politiki fiskali prudenti għandhom jiżguraw li t-tkabbir fin-nefqa netta([7]) jkun konsistenti mar-rekwiżiti ta' aġġustament fiskali skont il-qafas ta' governanza l-ġdid. B'mod konkret, l-Istati Membri b'dejn pubbliku ogħla minn 60 % tal-PDG jew defiċit ogħla minn 3 % tal-PDG jenħtieġ li jiżguraw li t-tkabbir fin-nefqa netta jkun limitat għal rata li tpoġġi l-proporzjon tad-dejn tal-gvern għall-PDG fuq perkors plawżibbli ta' tnaqqis fuq terminu medju, filwaqt li jnaqqsu d-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika għal taħt it-3 % tal-PDG u jżommuh taħt dan il-valur ta' referenza fuq terminu medju. Minbarra l-ħtieġa li tibqa' tintuża strateġija fiskali prudenti, l-investiment pubbliku jeħtieġ li jinżamm, u jiżdied fejn hemm bżonn biex jappoġġa t-tkabbir fit-tul, ir-reżiljenza soċjali u ekonomika, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u l-bini ta' kapaċitajiet ta' difiża. L-Unjoni Ewropea hija impenjata li żżid l-istat ta' tħejjija u l-kapaċitajiet ġenerali tagħha fil-qasam tad-difiża biex tissodisfa l-ħtiġijiet u l-ambizzjoni tagħha fil-kuntest ta' theddid li qed jiżdied u sfidi għas-sigurtà. Sabiex jittejjeb l-aċċess tal-industrija Ewropea tad-difiża għall-finanzi pubbliċi u privati, il-Kummissjoni se ssegwi t-talba tal-Kunsill Ewropew biex tesplora l-għażliet kollha għall-mobilizzazzjoni tal-finanzjament.

**Il-Kummissjoni biħsiebha tipproponi li l-Kunsill jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv, kif tħabbar fil-Komunikazzjoni dwar il-gwida tal-politika fiskali għall-2024 ([8]).** Bħala l-ewwel pass, bħala parti minn dan il-pakkett, il-Kummissjoni qed tippreżenta rapport li jeżamina r-raġunijiet għall-eċċess ta' 3 % tal-valur ta' referenza tad-defiċit tal-PDG fi 12-il Stat Membru (ara l-Kaxxa 1). Ir-rapport jikkonkludi li l-kriterju tad-defiċit mhuwiex issodisfat f'seba' Stati Membri. Dan ifisser li f'Lulju, wara l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju lill-Kunsill il-Kummissjoni beħsiebha tipproponilu deċiżjonijiet fil-konfront tal-Istati Membri li jistabbilixxu l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv. Il-pass li jmiss fil-proċedura, jiġifieri r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-korrezzjoni tad-defiċits eċċessivi, se

([7]) "Nefqa netta" tfisser nefqa tal-gvern mingħajr in-nefqa fuq l-imgħax, miżuri tad-dħul diskrezzjonali, nefqa fuq programmi tal-Unjoni li tkun totalment daqs id-dħul mill-fondi tal-Unjoni, nefqa nazzjonali fuq il-kofinanzjament ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni, elementi ċikliċi tan-nefqa fuq il-benefiċċji tal-qgħad, u miżuri ta' darba u oħrajn temporanji

([8]) Gwida tak-politika fiskali għall-2024, COM(2023) 141 final, it-8 ta'Marzu 2023.

jsir flimkien mal-Opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro. Dan l-approċċ se jiżgura konsistenza bejn ir-rekwiżiti baġitarji skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv u l-perkors ta' aġġustament stabbilit fil-pjanijiet fiskali strutturali ta' terminu medju, dment li l-pjanijiet fiskali strutturali ta' terminu medju tal-Istati Membri jiġu ppreżentati fil-ħin, kif inhu mitlub hawn fuq. Jekk il-pjan ma jkunx għadu ġie ppreżentat sa meta toħroġ l-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji u biex tiġi evitata lakuna ta' sorveljanza skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv, ir-rekwiżiti baġitarji skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv ikunu bbażati fuq it-trajettorji referenzjarji. Din l-iskeda ta' żmien hija eċċezzjonali u hija marbuta mat-tranżizzjoni għall-qafas il-ġdid, u għalhekk ma toħloqx preċedent.

**Kaxxa 1: Aġġornament dwar is-sorveljanza fiskali taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir**

**Bħala parti mill-pakkett tas-Semestru Ewropew tar-Rebbiegħa 2024, il-Kummissjoni adottat rapport skont l-Artikolu 126(3) TFUE fir-rigward ta' 12-il Stat Membru.** Dawn huma l-Belġju, iċ-Ċekja, l-Estonja, Spanja, Franza, l-Italja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Finlandja. Għal dawn l-Istati Membri, ir-rapport jivvaluta l-konformità tagħhom mal-kriterju tad-deficit. Fir-rigward ta' 10 minn dawn l-Istati Membri (il-Belġju, iċ-Ċekja, l-Estonja, Spanja, Franza, l-Italja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja u s-Slovakkja), ir-Rapport huwa bbażat fuq eżitu tad-deficit tal-amministrazzjoni pubblika ogħla minn 3 % tal-PDG fl-2023. Is-Slovenja u l-Finlandja huma inklużi minħabba deficit ippjanat fl-2024 li jaqbeż it-3 % tal-valur referenzjarju tal-PDG. Ir-rapport jikkonkludi li l-kriterju tad-deficit huwa rispettat miċ-Ċekja, l-Estonja, Spanja, is-Slovenja u l-Finlandja u filwaqt li l-Belġju, Franza, l-Italja, l-Ungerija, Malta, is-Slovakkja u l-Polonja ma kkonformawx miegħu. Il-konformità mal-kriterju tad-dejn ma tistax tiġi vvalutata bis-sħiħ f'dan l-istadju f'konformità mal-kriterji tal-qafas il-ġdid, jiġifieri, mingħajr perkors tan-nefqa netta approvat mill-Kunsill(9).

**Ir-Rumanija, li ilha f'pożizzjoni ta' deficit eċċessiv mill-2020, hija vvalutata bħala li ma ħaditx azzjoni effettiva biex tikkoreġi din is-sitwazzjoni.** Fit-3 ta' April 2020 il-Kunsill iddeċieda li fir-Rumanija kien jeżisti deficit eċċessiv abbażi tad-*data* tal-2019. Fir-Rakkomandazzjoni tas-17 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill talab lir-Rumanija biex ittemm is-sitwazzjoni ta' deficit eċċessiv sa mhux aktar tard mill-2024. Id-deficit tal-gvern estiż tar-Rumanija fl-2022 kien konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2022 iżda ddevja mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2023. Fil-pakkett tal-lum, il-Kummissjoni qed tinkludi proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi li r-Rumanija ma ħaditx azzjoni effettiva b'rispons għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022.

**It-tisħiħ ulterjuri tas-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi tal-pensjonijiet pubbliċi u l-kosteffettività tas-sistemi tas-saħħa u tal-kura fit-tul fid-dawl tal-popolazzjonijiet li qed jixjieħu, filwaqt li jiġu żgurati l-adegwatezza u l-aċċess, għandhom jibqgħu objettiv ewlieni għall-Istati Membri.** Il-kostijiet relatati mat-tixjiħ jirrappreżentaw madwar għoxrin fil-mija tal-PDG tal-UE u huma pprojettati li jiżdiedu b'mod sinifikanti fuq terminu medju u twil (10). Is-sistemi tal-pensjonijiet, tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul għandhom jadattaw għal dawn l-isfidi, inkluż permezz ta' miżuri li jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni ta' ħaddiema akbar fl-età fis-suq tax-xogħol, isaħħu s-sostenibbiltà fis-sistema tal-pensjonijiet u jtejbu l-kosteffettività tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul.

**L-użu ta' sorsi ta' tassazzjoni li ma jintużawx biżżejjed u ż-żieda fil-konformità tal-kontribwenti jistgħu jgħinu biex jiġi żgurat dħul suffiċjenti mit-taxxa li jappoġġa l-investiment pubbliku kif ukoll biex jintlaħqu l-objettivi politiċi komuni u titħares is-sostenibbiltà fiskali.** Taħlita tat-taxxa bbilanċjata u aktar valida għall-futur, ibbażata wkoll fuq l-ittestjar tal-mezzi u l-valutazzjonijiet tal-impatt distributtiv, tgħin biex jinkiseb tkabbir inklużiv u sostenibbli. Dan jinkludi t-trasferiment ta' parti mill-piż tat-taxxa mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol

(9) Il-valutazzjoni tal-konformità mal-kriterju tad-dejn inbidlet b'mod sostanzjali fil-qafas rivedut tal-governanza ekonomika. Il-proporzjon tad-dejn se jitqies bħala "li qed jonqos u joqrob biżżejjed lejn il-valur referenzjarju ta' 60 % tal-PDG b'pass sodisfaċenti" jekk l-Istat Membru kkonċernat jibqa' fuq il-perkors tan-nefqa netta tiegħu kif stabbilit mill-Kunsill. Peress li l-Kunsill għadu ma stabbiliex dan il-perkors tan-nefqa netta, il-kriterju tad-dejn ma jistax jiġi vvalutat f'dan l-istadju.

(10) Rapport dwar it-Tixjiħ 2024. Projezzjonijiet Ekonomiċi u Baġitarji għall-Istati Membri tal-UE (2022-2070)" - Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu)

lejn it-tassazzjoni ambjentali u rikorrenti fuq il-proprjetà immobbli b'mod ġust u effiċjenti, pereżempju billi jissaħħaħ il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas. Għodod effettivi għall-ġlieda kontra strateġiji ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa u konformità mtejba tat-taxxa jgħinu biex jiġi żgurat li l-kontribwenti jiġu ttrattati b'mod ġust, li l-finanzjament tas-servizzi pubbliċi jkun effiċjenti filwaqt li jiġi inkoraġġit l-investiment privat. L-issuktar tal-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa jenħtieġ li jkompli jnaqqas il-kostijiet tal-konformità u jżid id-dħul mit-taxxa.

**Kaxxa 2: Żbilanċi makroekonomiċi fl-Istati Membri**

**Il-Kummissjoni vvalutat l-eżistenza ta' żbilanċi makroekonomiċi għat-12-il Stat Membru li ntgħażlu biex issirilhom analiżi fil-fond (IDR, in-depth review) fir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2024.** Minnhom, 11-il Stat Membru kienu ġew identifikati bi żbilanċi jew żbilanċi eċċessivi fl-aħħar ċiklu annwali ta' sorveljanza preċedenti taħt il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, u -Slovakkja tqieset li kienet qed turi riskji ta' żbilanċi emerġenti ġodda. Din is-sena, bi tweġiba għal talba mill-Istati Membri([11]), l-IDRs ġew ippreżentati qabel il-Pakkett tar-Rebbiegħa biex ikunu jistgħu jsiru diskussjonijiet multilaterali aktar fil-fond qabel it-tfassil tas-CSRs fir-rebbiegħa([12]).

**Il-klassifikazzjoni tal-iżbilanċi hija bbażata fuq tliet kriterji: (i) il-gravità tal-iżbilanċi, (ii) l-evoluzzjoni tal-iżbilanċi u l-prospetti u (iii) ir-risponsi ta' politika.** Tirrifletti orjentazzjoni tal-MIP li tħares 'il quddiem, ikkomunikata bħala parti mir-rieżami tal-governanza ekonomika. Skont l-approċċ li jħares 'il quddiem, dawk it-tliet kriterji għadhom fis-seħħ, iżda qed issir aktar enfasi fuq l-evoluzzjoni tal-iżbilanċi sottostanti u l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tar-reazzjonijiet ta' politika tal-awtoritajiet nazzjonali biex jegħlbu dawk l-iżbilanċi jew ir-riskji tagħhom.

**Il-klassifikazzjonijiet skont l-MIP jirriflettu wkoll id-dħul fis-seħħ tal-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika billi jiċċaraw ir-rwoli rispettivi tal-MIP u tal-PST fis-sorveljanza makroekonomika ġenerali fl-indirizzar tar-riskji tas-sostenibbiltà fiskali biex jinkiseb reġim ta' sorveljanza aktar iffukat u effiċjenti.** Fil-qosor, fejn ir-riskji huma essenzjalment ibbażati fuq tħassib dwar is-sostenibbiltà fiskali u fejn ir-reazzjonijiet ta' politika huma fil-biċċa l-kbira tagħhom fil-qasam tal-politika fiskali, il-PST jenħtieġ li jitqies bħala l-mezz xieraq għas-sorveljanza u l-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet ta' politika. Fil-każi fejn, minbarra s-sostenibbiltà fiskali, ikun hemm riskji makroekonomiċi usa' li jeħtieġu rispons ta' politika aktar komplut, l-MIP tibqa' għodda xierqa biex tikkomplementa s-sorveljanza skont il-PST, inkluża l-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Meta l-vulnerabbiltajiet ta' Stat Membru ma jkollhomx l-għeruq tagħhom f'dejn għoli tal-gvern jew fil-laxkezza fiskali, l-MIP x'aktarx li jkun l-uniku mezz biex jiġi żgurat mekkaniżmu ta' sorveljanza b'saħħtu biżżejjed.

**Il-Kummissjoni ħadet diversi deċiżjonijiet fl-ambitu tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku.** B'mod ġenerali, il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltajiet makroekonomiċi sseħħ f'kuntest ikkaratterizzat mill-inflazzjoni li għadha għolja – iżda li qed tonqos – xprunata mill-prezzijiet tal-enerġija. Il-prezzijiet għoljin tal-enerġija kellhom impatt negattiv fuq il-bilanċi esterni, u l-inflazzjoni li rriżultat wasslet għal kundizzjonijiet ta' finanzjament aktar stretti għal dawn l-aħħar sentejn, filwaqt li ffaċilitat ukoll it-tnaqqis tal-istokkijiet tad-dejn.

([11]) [Il-proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku Il-Kunsill jadotta konklużjonijiet — Consilium (europa.eu)]

([12]) L-IDRs tal-2024 ġew ippubblikati f'żewġ lottijiet: l-ewwel lott ta' IDRs fil-25 ta' Marzu 2024 kien jinkludi ta' Spanja, Ċipru, in-Netherlands, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Iżvezja, u t-tieni lott ta' IDRs fit-23 ta' April kien jinkludi tal-Ġermanja, il-Greċja, Franza, l-Italja, l-Ungerija u l-Portugall.

Matul din l-aħħar sena, il-prezzijiet tad-djar naqsu fil-pajjiżi fejn kienu l-aktar sopravalutati. Il-vulnerabbiltajiet qed jonqsu fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri soġġetti għal rieżami fil-fond u f'diversi każijiet qed iwasslu għal titjib fil-klassifikazzjoni tal-iżbilanċi taħt l-MIP. Madankollu, il-vulnerabbiltajiet fi wħud mill-Istati Membri l-oħrajn żdiedu sal-punt li jwassal għal sejba ġdida ta' żbilanċi jew żbilanċi eċċessivi. L-iżviluppi huma ġeneralment favorevoli fil-bqija tal-Istati Membri li ġew analizzati iżda għad fadal diffikultajiet rilevanti.

- Franza, Spanja u l-Portugall ma għadhomx jesperjenzaw żbilanċi peress li l-vulnerabbiltajiet naqsu b'mod ġenerali. Ir-riskji għas-sostenibbiltà fiskali se jiġu mistħarrġa taħt il-PST riformat, inkluż fil-kuntest tal-pjan strutturali fiskali fuq terminu medju u l-proċedura ta' defiċit eċċessiv ta' Franza.
- Il-Greċja u l-Italja issa nstabu li qed jesperjenzaw żbilanċi wara li sas-sena l-oħra esperjenzaw żbilanċi eċċessivi peress li l-vulnerabbiltajiet naqsu iżda għadhom inkwetanti. Ir-riskji għas-sostenibbiltà fiskali se jiġu mistħarrġa taħt il-PST riformat, inkluż fil-kuntest tal-pjan strutturali fiskali fuq terminu medju u l-proċedura ta' defiċit eċċessiv tal-Italja.
- Is-Slovakkja issa nstabet li tinsab għaddejja minn żbilanċi. Il-vulnerabbiltajiet relatati mal-kompetittività tal-kost, il-bilanċ estern, is-suq tal-akkomodazzjoni u d-dejn tal-unitajiet domestiċi baqgħu jippersistu, u l-azzjoni ta' politika għadha ma waslitx.
- Ir-Rumanija issa nstabet li għaddejja minn żbilanċi eċċessivi wara li esperjenzat żbilanċi sas-sena l-oħra għaliex għad hemm vulnerabbiltajiet relatati mal-kontijiet esterni, prinċipalment marbuta ma' defiċits tal-gvern kbar u li qed jiżdiedu, filwaqt li pressjonijiet sinifikanti fuq il-prezzijiet u l-kostijiet żdiedu u l-azzjoni politika kienet dgħajfa.
- Il-Ġermanja, Ċipru, l-Ungerija, in-Netherlands u l-Iżvezja għadhom jesperjenzaw żbilanċi. Fir-rigward tal-Ġermanja se tkun meħtieġa azzjoni politika adegwata fil-kuntest tal-pjan strutturali-fiskali fuq terminu medju biex terġa' tiġi eżaminata l-valutazzjoni.

L-Appendiċi 4 jagħti dettalji dwar l-aspetti speċifiċi għall-pajjiżi għat-12-il Stat Membru kkonċernati.

## 4.2 Produttività

**L-UE ilha tesperjenza tnaqqis fit-tkabbir tal-produttività sa mill-bidu tas-snin 2000,** li ġie aggravat minn rati ta' investiment imrażżna wara l-kriżi finanzjarja u diskrepanza fil-produttività li qed tikber meta mqabbla ma' ekonomiji ewlenin oħra. Għalkemm ir-rati ta' investiment kienu qed jirkupraw, it-tkabbir fil-produttività tal-UE għadu lura, b'mod partikolari meta mqabbel mal-Istati Uniti. Dan huwa dovut għad-daqs iżgħar ta' setturi bi tkabbir għoli bħall-manifattura tal-ICT u s-servizzi diġitali, l-innovazzjoni li mhijiex qed tiżdied biżżejjed, nuqqas ta' investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni u nuqqas persistenti ta' ħiliet. Barra minn hekk, l-UE teħtieġ ambjent tan-negozju li jwassal għal aktar innovazzjoni. Dan ifisser li jridu jiġu indirizzati sensiela ta' konġestjonijiet fil-livell reġjonali, nazzjonali u tal-UE. B'mod partikolari, jeħtieġ li l-UE tnaqqas il-piż amministrattiv, tarma s-suq uniku għall-futur, ittejjeb l-aċċess għall-finanzi u timmobilizza aktar kapital privat billi tiffinalizza l-Unjoni Bankarja u tapprofondixxi u tintegra s-swieq kapitali tagħna, iżżid il-livelli tal-ħiliet, u tiżgura ambjent ta' rapportar regolatorju u aktar effiċjenti għan-negozji.

**L-approfondiment tas-suq uniku huwa kruċjali biex jiġu sfruttati l-produttività u l-kompetittività.** Suq totalment integrat joħloq ambjent favorevoli għan-negozji ġodda u għall-

intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) biex jirnexxu u jiksbu l-iskala meħtieġa biex jikkompetu globalment. Għandha ssir enfasi fuq is-swieq tas-servizzi, li huma integrali għall-ekonomija tal-UE u kulma jmur aktar marbuta mal-bqija tal-ekosistemi industrijali. Iridu jsiru sforzi konġunti fil-livell tal-UE, fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, b'mod partikolari, biex titnaqqas il-burokrazija, l-obbligi ta' rapportar u l-kostijiet tal-konformità mar-regoli tat-taxxa, biex l-istandards jiġu unifikati, u jitneħħew l-ostakli għall-investiment. Dan l-aħħar il-Kummissjoni ressqet l-ewwel proposti leġiżlattivi biex tnaqqas l-obbligi ta' rapportar fil-livell Ewropew b'25 %, u l-Istati Membri huma mħeġġa jilħqu dan il-livell ta' ambizzjoni. Iż-żieda fil-kompetizzjoni permezz tal-akkwist pubbliku kif ukoll it-titjib tal-governanza u l-kapaċità amministrattiva([13]) jistgħu jappoġġaw ambjent tan-negozju favorevoli. Ir-rispett lejn l-istat tad-dritt, b'mod partikolari s-sistemi ġudizzjarji effiċjenti, indipendenti u ta' kwalità, iċ-ċertezza legali u l-ugwaljanza quddiem il-liġi wkoll huma tassew determinanti għal ambjent tan-negozju li jrawwem l-investiment u l-innovazzjoni. Il-parteċipazzjoni fis-suq uniku tar-reġjuni kollha hija meħtieġa biex jiġu integrati fil-ktajjen tal-valur Ewropej u f'dawk globali, filwaqt li jiġi evitat l-istaġnar tal-iżvilupp u b'hekk in-nases tal-iżvilupp. Hemm lok għal aktar sfruttament tal-vantaġġi potenzjali u kompetittivi tar-reġjuni kollha tal-UE, speċjalment f'dawk l-Istati Membri fejn l-iżvilupp ekonomiku huwa xprunat mill-kompetittività tar-reġjuni kapitali. It-titjib tal-aċċessibbiltà u l-konnettività permezz ta' investimenti msaħħa fl-infrastrutturi tat-trasport u servizzi u modi tat-trasport moderni b'emissjonijiet baxxi se jkun kruċjali għal żvilupp ġeografikament ibbilanċjat. Barra minn hekk, huwa importanti li jitqies kwalunkwe effett li l-gwerra ta' aggressjoni Russa fl-Ukrajna jista' jkollha fuq ir-reżiljenza tar-reġjuni li jmissu mar-Russja

**Politika industrijali konsistenti u komprensiva hija element essenzjali fit-trasformazzjoni teknoloġika tal-UE u biex tiżgura ktajjen tal-provvista reżiljenti, filwaqt li tħares swieq kompetittivi u ħielsa mid-distorsjoni.** Il-politika industrijali fil-livell tal-UE trid tkun koordinata ma' azzjonijiet fil-livell nazzjonali biex jinżammu l-kundizzjonijiet ekwi u l-integrità tas-suq uniku, u hija essenzjali biex tikkontribwixxi għall-kapaċità tal-manifattura u biex jinħolqu impjiegi ta' kwalità, speċjalment għall-ktajjen tal-provvista u t-teknoloġiji kritiċi. Dan jista' jinkiseb bl-implimentazzjoni tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku([14]); bil-mobilizzazzjoni aktar strateġika ta' fondi tal-UE u strumenti finanzjarji oħra tal-UE b'mod li jattira aktar appoġġ privat; l-użu tal-akkwist pubbliku f'setturi strateġiċi għal soluzzjonijiet reżiljenti, ekoloġiċi, soċjali, diġitali u innovattivi; u l-inizjattiva STEP, li għandha l-għan li ssaħħaħ it-teknoloġiji kritiċi. Fl-istess waqt, jeħtieġ li tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta, mhux biss fis-suq uniku iżda fir-rigward ta' pajjiżi terzi wkoll.

**Il-politika kummerċjali għandha rwol importanti fit-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE.** Il-pandemija tal-COVID-19 u l-aggressjoni mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna ikkawżaw tfixkil fil-ktajjen tal-provvista tagħna, u ħarġu fid-dieher vulnerabbiltajiet relatati ma' nuqqas ta' diversifikazzjoni tas-sorsi għal ċerti inputs kritiċi, u ma' dipendenza żejda fuq għadd limitat ta' sħab kummerċjali. L-aħjar polza tal-assigurazzjoni għall-ktajjen tal-provvista tal-UE hija d-dipendenza fuq taħlita ta' fornituri domestiċi u diversifikati minn pajjiżi terzi u kapaċitajiet industrijali relatati. Il-ftuħ ekonomiku huwa vantaġġ, u n-network estensiv ta' ftehimiet kummerċjali tal-UE qed jgħin lit-tkabbir u l-impjiegi. Il-kummerċ għandu jissokta fi

([13]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar it-tisħiħ tal-Ispazju Amministrattiv Ewropew (ComPAct).
([14]) Komunikazzjoni: Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti | Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu)

żmien ta' tensjonijiet internazzjonali li qed jiżdiedu. Iffaċċjata mit-theddida ta' kapaċitajiet żejda f'setturi strateġiċi kkawżata minn sussidji distorsivi u deċiżjonijiet kummerċjali unilaterali, l-UE trid tuża l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħna biex tiżgura kundizzjonijiet ekwi, ittejjeb it-trasparenza tal-ktajjen tal-provvista, iżżid id-diversifikazzjoni tal-provvisti vulnerabbli, u taħdem favur sħubijiet aktar mill-qrib mas-sħab kummerċjali tagħna([15]), filwaqt li ssaħħaħ is-sigurtà ekonomika tagħha.

**Investiment akbar fir-riċerka u l-innovazzjoni (R u Ż), b'mod partikolari mis-settur privat, huwa essenzjali biex tingħata spinta lill-kompetittività.** L-UE għadha lura meta mqabbla ma' ekonomiji ewlenin oħra bħall-Istati Uniti, iċ-Ċina u l-Ġappun f'investimenti kummerċjali fir-R u Ż. L-UE għadha 'l bogħod milli tilħaq il-mira tagħha ta' 3 % tal-PDG għan-nefqa fir-R u Ż([16]) minħabba l-infiq kajman tas-settur tan-negozju([17]) u investiment pubbliku baxx fir-R u Ż. It-tisħiħ tal-inċentivi għall-investimenti privati fir-R u Ż jitlob kundizzjonijiet qafas ta' appoġġ, bħal tassazzjoni favorevoli u ambjenti tan-negozju. L-Istati Membri jenħtieġ li jimplimentaw riformi ambizzjużi biex jibnu ekosistemi integrati tar-R u Ż, b'enfasi fuq il-governanza, is-sistemi u l-infrastrutturi tar-riċerka pubblika, il-kollaborazzjoni bejn ix-xjenza u n-negozju u t-trasferimenti tal-għarfien, kif ukoll l-użu u l-adozzjoni tal-innovazzjoni, inkluż permezz tal-akkwist pubbliku, b'enfasi fuq il-prospetti tal-karriera għar-riċerkaturi u l-attrazzjoni u ż-żamma tat-talent madwar l-Ewropa. Is-sinerġiji bejn il-programmi fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri għandhom jiġu massimizzati.

**L-isforzi mġedda jridu jkunu diretti wkoll lejn it-tranżizzjoni diġitali**, li hija kruċjali għall-bini ta' ekonomija moderna kompetittiva. Minn naħa, l-UE hija mexxejja globali fl-iżvilupp ta' teknoloġiji li jlaqqgħu innovazzjonijiet diġitali u ekoloġiċi. Min-naħa l-oħra, huma biss 8 % tan-negozji li użaw it-teknoloġiji tal-IA fl-2023 u kienu biss 58 % tal-SMEs li kisbu intensità diġitali bażika. L-UE żiedet l-isforzi tagħha biex issaħħaħ il-kapaċitajiet diġitali, billi tipprovdi livelli ogħla ta' finanzjament tal-UE, inkluż permezz tal-RRPs u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni, u nediet inizjattivi bħall-Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs, Important Projects of Common European Interest) għall-mikroelettronika([18]) u t-teknoloġiji tal-cloud computing([19]). Madankollu, irid isir aktar investiment pubbliku fl-infrastruttura u l-ħiliet diġitali, b'mod partikolari biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' speċjalisti tal-ICT([20]) u biex jitnaqqas id-distakk diġitali. Barra minn hekk, l-inizjattivi li jegħlbu l-ostakli fl-użu tat-teknoloġiji bejn fruntiera u oħra, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi u l-awtomatizzazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni fl-UE huma kruċjali wkoll għat-tranżizzjoni diġitali. L-Istati Membri għandhom jinċentivaw l-investiment privat u l-akkwist pubbliku fit-teknoloġiji diġitali u l-Intelliġenza Artifiċjali (IA).

---

([15]) Il-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-UE stabbilew il-Global Gateway, biex jagħtu spinta lir-rabtiet fis-setturi diġitali, tal-enerġija u tat-trasport u biex isaħħu s-sistemi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tar-riċerka madwar id-dinja.
([16]) Il-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa (2021) jafferma mill-ġdid il-mira tal-investiment ta' 3% tal-PDG għar-R u Ż. Dan ittenna mill-ġdid, fost l-oħrajn, fil- Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 u 18 ta' April 2024.
([17]) 1,2 % tal-PDG meta mqabbel mat-2,3 % osservat fl-Istati Uniti.
([18]) IPCEI dwar il-Mikroelettronika — Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (ipcei-me.eu)
([19]) Interess Ewropew Komuni fit-teknoloġiji tal-computing (europa.eu)
([20]) Barra minn hekk, id-differenza bejn il-ġeneri fil-ħiliet tal-ICT hija sors ta' tħassib. Fl-2021, l-aħħar sena li għaliha hemm *data* disponibbli, 81% tal-ispeċjalisti tal-ICT impjegati kienu rġiel. Ara https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=ICT_specialists_in_employment

**It-titjib fl-aċċess għall-finanzjament għal proġetti innovattivi huwa kritiku, speċjalment għan-negozji ġodda, kif ukoll għan-negozji li qed jespandu.** Il-prestazzjoni tal-UE hija mxekkla minn attivitajiet riskjużi u innovattivi li għandhom biss aċċess limitat għall-finanzjament, bħall-finanzjament mill-bejgħ ta' ishma u l-kapital ta' riskju([21]). Dan in-nuqqas ta' żvilupp jikkontribwixxi biex l-għadd żgħir ta' negozji ġodda tal-UE li jiksbu valwazzjonijiet kbar u jirnexxu fis-swieq dinjija. Huma meħtieġa riformi nazzjonali biex jittejbu l-allokazzjoni tat-tfaddil u l-finanzjament kapitali, u biex jiġi ffaċilitat is-suq kapitali u forom alternattivi ta' finanzjament, speċjalment għall-SMEs u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet u biex jiġu appoġġati l-produttività u l-innovazzjoni. Fil-livell tal-UE, l-aċċellerazzjoni tal-progress fl-Unjoni tas-Swieq Kapitali hija essenzjali biex jiżdiedu s-sorsi ta' finanzjament ibbażati fuq is-suq għall-kumpaniji ta' kull daqs u biex is-swieq kapitali tal-UE jiġu integrati f'suq uniku ġenwin għall-kapital. Ftehim rapidu u ambizzjuż mill-koleġiżlaturi tal-UE dwar il-proposta tal-Kummissjoni bl-għan li jiġu żgurati oqfsa ta' insolvenza effettivi u armonizzati jiffavorixxi allokazzjoni aktar effettiva tar-riżorsi u jingħata appoġġ lill-attivitajiet u s-setturi bl-aħjar potenzjal ta' tkabbir.

**It-titjib tal-eżiti edukattivi u tal-iżvilupp tal-ħiliet huwa essenzjali għall-produttività u l-kompetittività tal-UE.** L-ekonomija li qed tinbidel u tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ta' suċċess jitolbu settijiet ta' ħiliet imtejba. Fl-istess ħin, l-aħħar riżultati tat-testijiet tal-Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA) juru tnaqqis sinifikanti fil-ħiliet bażiċi tal-istudenti ta' 15-il sena madwar l-UE. L-aċċess għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja u inklużivi, b'għalliema kwalifikati u kurrikuli modernizzati fl-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom għadu kruċjali biex jiġu żgurati l-prosperità, il-progress soċjali tal-UE u biex tingħeleb in-nassa tal-iżvilupp tat-talenti li qed jiffaċċjaw xi reġjuni ([22]). It-titjib tal-ħiliet fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM) u ż-żieda fl-għadd ta' gradwati STEM, b'mod partikolari n-nisa, ukoll se jagħtu spinta lir-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività.

## 4.3 Sostenibbiltà ambjentali

**F'konformità mal-objettiv tagħha li tilħaq in-newtralità klimatika sal-2050 u li żżid il-kompetittività u l-awtonomija strateġika miftuħa, l-UE ser tissokta bl-isforzi tagħha biex tiddiversifika l-provvisti tal-enerġija u timmodernizza l-infrastruttura tal-enerġija.** Fl-2023 is-sehem tal-importazzjonijiet Russi fl-importazzjonijiet totali tal-gass tal-UE naqas għal 15 %, minn madwar 40 % storikament, iżda ċerti Stati Membri jridu jagħmlu aktar sforzi biex l-importazzjonijiet tal-gass naturali likwifikat mir-Russja jinqatgħu gradwalment. Il-maġġoranza l-kbira tal-pajjiżi tal-UE inkludew kapitoli tar-REPowerEU fl-RRPs emendati tagħhom, li jammontaw għal aktar minn EUR 60 biljun, u b'hekk żiedu l-użu tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika u t-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030. L-appoġġ previst għall-politika ta' koeżjoni ta' EUR 47 biljun fl-effiċjenza enerġetika, fl-enerġija rinnovabbli u f'sistemi tal-enerġija intelliġenti wkoll se jkollu rwol importanti fl-implimentazzjoni ta' diversi azzjonijiet ewlenin skont il-pjan REPowerEU. L-investimenti fil-produzzjoni tal-enerġija appoġġati mill-RRF mistennija li jipprovdu mill-inqas 60 GW ta' kapaċitajiet addizzjonali ta' enerġija rinnovabbli sal-2026 u sal-2029 se jiġu installati 9,5 GW ta' kapaċità tal-enerġija rinnovabbli oħra fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni. Fl-2023, is-sehem tas-sorsi tal-

---

([21]) Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council) tejjeb id-disponibbiltà tal-aċċess għall-finanzjament għal kumpaniji ġodda fil-livell Ewropew.
([22]) https://ec.europa.eu/regional_policy/whats-new/newsroom/14-12-2023-eu-addresses-talent-development-trap-in-new-call-for-regions-to-harness-existing-talent_en

enerġija rinnovabbli fil-ġenerazzjoni tal-elettriku żdied għal 43 %([23]) u r-riformi dwar il-proċeduri għall-għoti ta' permessi, anke bħala parti mill-RPPs, ikkontribwew għal din iż-żieda sostanzjali. Dan il-momentum jeħtieġ li jinżamm u għaldaqstant l-indirizzar tal-konġestjonijiet li fadal relatati mal-kapaċità amministrattiva, inkluż għall-proċeduri tal-ippjanar u tal-permessi fil-livell lokali, irid isir bi prijorità. Barra minn hekk, l-aċċelerazzjoni tal-espansjoni u l-modernizzazzjoni tan-networks tal-elettriku, inklużi faċilitajiet ġodda għall-ħżin tal-enerġija u l-interkonnessjonijiet, huwa kruċjali biex is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jkunu jistgħu jiġu integrati fis-sistema tal-enerġija u biex tiżdied l-elettrifikazzjoni. Il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-grilji([24]) li ġie adottat f'Novembru 2023 iwitti t-triq biex jinħolqu grilji tal-elettriku sostenibbli u reżiljenti. L-ewwel lista tal-UE ta' proġetti ta' interess komuni u reċiproku([25]) tidentifika infrastrutturi tal-enerġija li huma prijorità għall-UE f'termini tal-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku u ż-żieda fis-sigurtà tal-enerġija, b'enfasi fuq il-grilji meħtieġa għall-elettrifikazzjoni, l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta u l-użu tal-ekonomija tal-idroġenu ekoloġiku.

**Minkejja l-progress li sar, għad hemm diskrepanza fl-ambizzjoni fir-rigward tal-kisba tal-objettivi tal-2030 għall-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika.** L-industrija Ewropea qed tħabbat wiċċha mal-madmad ta' prezzijiet tal-enerġija komparattivament għoljin. Biex tittejjeb il-kompetittività Ewropea huwa essenzjali li titnaqqas id-domanda għall-enerġija billi tiżdied l-effiċjenza enerġetika u l-qalba lejn enerġija rinnovabbli irħas. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma għandhomx stima solida u dettaljata biżżejjed ta' x'investiment se jkollhom jagħmlu, u lanqas ma ħadu miżuri konkreti biex jattiraw investimenti privati biex jiffinanzjaw it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri kollha jippreżentaw pjanijiet nazzjonali interati għall-enerġija u l-klima (NECPs, national energy and climate plans) konkreti sat-30 ta' Ġunju 2024, filwaqt li jqisu r-rakkomandazzjonijiet tagħha dwar l-abbozzi tal-pjanijiet, u s-CSRs tas-Semestru Ewropew. Dan ifisser li l-Istati Membri jridu jsaħħu l-politiki biex jeliminaw gradwalment is-sussidji fuq il-fjuwils fossili u jallinjaw mal-għan tal-UE li nsiru ekonomija newtrali għall-klima. Il-Kummissjoni tħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri biex jinkludu jew jiżviluppaw aktar kapitoli dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni fl-NECPs tagħhom, b'referenza għall-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija([26]).

**Iż-żieda fl-awtonomija, ir-reżiljenza u l-kompetittività tal-industrija tal-UE b'emissjonijiet żero netti hija kruċjali għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-kompetittività tal-UE.** Biex tiżdied il-manifattura ta' teknoloġiji nodfa, l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti([27]) ġie adottat f'Mejju 2024. Dan joħloq il-kundizzjonijiet regolatorji favorevoli meħtieġa biex jattiraw u jappoġġaw l-investiment f'teknoloġiji u proġetti relatati biex ilaħħqu maż-żieda fid-domanda tal-UE u mad-domanda globali. Għan ieħor tiegħu huwa li jħaffef u jissimplifika l-proċeduri għall-għoti ta' permessi fl-Istati Membri, b'mod partikolari biex jinbnew aktar faċilitajiet ta' produzzjoni għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u biex isir investiment fid-dekarbonizzazzjoni ta' siti industrijali intensivi fl-enerġija. Eżempji ta' dawn it-teknoloġiji jinkludu t-trasport li jaħdem bl-idroġenu, il-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli, il-vetturi b'emissjonijiet żero, il-ferroviji ta' veloċità għolja, u s-sistemi tat-trasport intelliġenti. Minbarra EUR 85 biljun f'investimenti fl-enerġija rinnovabbli u teknoloġiji nodfa taħt il-politika ta' koeżjoni, l-RRF ipprovdiet madwar EUR 27 biljun f'appoġġ għall-manifattura u l-użu ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti filwaqt

([23]) Rieżami Globali tal-Elettriku 2024 | Ember (ember-climate.org).
([24]) https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=COM%3A2023%3A757%3AFIN
([25]) Ir-Regolament (UE) 2022/869
([26]) Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija (europa.eu)
([27]) L-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti - Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu)

li l-Fond għall-Innovazzjoni pprovda madwar EUR 407 miljun. L-Istati Membri huma mħeġġa wkoll jonfqu 25 % tad-dħul tagħhom mill-irkant tal-ETS għal dak l-għan. Sal-lum, InvestEU mmobilizza aktar minn EUR 250 biljun f' investimenti, li aktar minn nofshom jappoġġaw l-azzjoni klimatika, b'żewġ terzi tal-finanzjament minn investimenti privati.

**L-objettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tal-UE jintlaħqu permezz ta' aċċess għal sorsi ta' materja prima kritika (CRMs, critical raw materials)**, sikuri, sostenibbli u diversifikati, il-bini ta' ktajjen tal-provvista għall-estrazzjoni, l-ipproċessar u r-raffinar, filwaqt li jiġu promossi prattiki ta' akkwist sostenibbli, ir-riċiklaġġ u l-użu ta' materja prima sekondarja. L-Att dwar il-Materja Prima Kritika, li daħal fis-seħħ fit-23 ta' Mejju 2024, joħloq qafas regolatorju biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista tal-UE għas-CRMs. Dan jagħżel proġetti strateġiċi tul il-katina tal-valur ta' subsett ta' materja prima kritika u jinkludi wkoll miżuri li jsaħħu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ tal-UE u jtejbu ċ-ċirkolarità tal-materja prima kritika fis-suq Ewropew. Il-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari, inklużi soluzzjonijiet ċirkolari, se tkompli tgħin biex tintlaħaq in-newtralità klimatika, peress li għandha l-potenzjal li tiffranka sa 25 % tal-emissjonijiet attwali tal-gassijiet serra tal-UE([28]).

**Bil-liġi Ewropea dwar il-Klima, l-UE impenjat ruħha li tilħaq in-newtralità klimatika sal-2050 u ssaħħaħ l-adattament għat-tibdil fil-klima.** Iridu jsiru sforzi akbar biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-konsum tal-enerġija biex jintlaħqu l-miri intermedji vinkolanti għall-2030, b'mod partikolari fit-trasport, fil-bini u fl-agrikoltura. Parti sostanzjali mill-investimenti tal-Istati Membri fl-ambitu tal-RRF għandhom l-għan li jiżviluppaw mobbiltà sostenibbli u li jtejbu l-effiċjenza enerġetika. Id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija([29]) u l-inizjattiva Bauhaus Ewropea l-Ġdida([30]) huma strumentali biex jinkiseb ambjent mibni newtralità f'termini ta' impatt fuq il-klima, ċirkolari u b'impatt pożittiv([31]). It-tnaqqis tat-tniġġis industrijali bl-introduzzjoni ta' teknoloġiji ta' produzzjoni aktar nodfa jiġġenera wkoll iffrankar sinifikanti tal-kostijiet([32]). It-tneħħija gradwali tal-fjuwils fossili, kif ukoll ir-riforma tas-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent u l-implimentazzjoni ta' approċċi ta' bbaġitjar ekoloġiku jridu jiġu aċċellerati wkoll. Fl-istess waqt, il-bjar tal-karbonju tal-Istati Membri pprovduti mis-setturi tagħhom tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija (LULUCF, land use, land-use change and forestry) jeħtieġ li jissaħħu. Barra minn hekk, f'Marzu 2024, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar il-ġestjoni tar-riskji klimatiċi([33]) li tindika l-isforzi sinifikanti meħtieġa mill-Istati Membri biex jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ oqfsa istituzzjonali xierqa għall-ġestjoni ta' dawk ir-riskji. Ir-reġjuni kostali, tal-Mediterran u tal-Lvant huma aktar vulnerabbli u

---

([28]) Il-Kummissjoni Ewropea (2024), Rapport tal-valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanja l-Komunikazzjoni "Niżguraw il-futur tagħna – il-mira klimatika tal-Ewropa għall-2040 u t-triq lejn in-newtralità klimatika sal-2050 filwaqt li nibnu soċjetà sostenibbli, ġusta u prospera".

([29]) https://energy.ec.europa.eu/topics/energy-efficiency/energy-efficient-buildings/energy-performance-buildings-directive_en?prefLang=mt

Meta jimplimentaw l-investimenti tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jibnu fuq il-valuri u l-prinċipji tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, biex irawmu, fejn applikabbli, is-sostenibbiltà b'soluzzjonijiet affordabbli u billi jinvolvu lill-komunitajiet lokali fit-tfassil ta' perkorsi ta' trasformazzjoni. "Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida: sbuħija, sostenibbiltà, flimkien." – Unjoni Ewropea (europa.eu)

([31]) Għodod bħal "Level (s)" u l-Protokoll dwar il-Ġestjoni tal-Iskart mill-Kostruzzjoni u mid-Demolizzjoni huma gwidi għal proġetti ta' bini u rinnovazzjoni li jtejbu l-prestazzjoni tas-sostenibbiltà taċ-ċiklu tal-ħajja. Barra minn hekk, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu japplikaw l-akkwist pubbliku ekoloġiku direttament.

([32]) Sa EUR 193 biljun skont l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (2024), "Il-kostijiet għas-saħħa u l-ambjent mit-tniġġis industrijali tal-arja fl-Ewropa –aġġornament tal-2024"; numru għal sustanzi niġġiesa tal-arja ewlenin ($NH_3$, NOX, $PM_{10}$, $SO_2$, NMVOCs) magħduda permezz metodu tal-valur tal-ħajja statistika.

([33]) Il-Kummissjoni Ewropea, "Il-ġestjoni tar-riskji klimatiċi - nipproteġu l-poplu u l-prosperità" ara b04a5ed8-83da-4007-9c25-1323ca4f3c92_en (europa.eu)

affettwati b'mod sproporzjonat, u jiffaċċjaw telf ekonomiku annwali stmat ta' mill-inqas 1 % tal-PDG u l-bniedem hemmhekk huwa espost aktar għal ħsarat relatati mal-klima. Ir-reżiljenza u d-disponibbiltà tal-ilma([34]) flimkien mal-ġestjoni tal-ilma, speċjalment f'reġjuni aktar affettwati mit-tibdil fil-klima u t-tniġġis tal-ilma, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi, għadhom kruċjali għall-funzjonament tajjeb tal-ekosistemi. Dan jirreferi speċjalment għat-tranżizzjoni tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija. L-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas tiżgura li s-sinjali tal-prezzijiet jitqiesu fl-esternalitajiet ambjentali.

## 4.4 Il-ġustizzja

**Is-suq tax-xogħol tal-UE qed ikompli juri reżiljenza b'impjiegi qrib livelli rekord, u l-introjtu reali reġa' beda jiżdied għall-biċċa l-kbira tan-nies.** It-tkabbir fl-impjiegi kien aktar b'saħħtu fost in-nisa, il-migranti legali u l-ħaddiema akbar fl-età. Dan kien akkumpanjat minn tkabbir robust fil-pagi li fl-2023 huwa pprojettat li jiżdied għal 5,9 %. Iż-żieda fil-pagi qabżet l-inflazzjoni fit-tielet semestru tal-2023 filwaqt li sal-2025 il-pagi reali mistennija jirkupraw bis-sħiħ il-livelli tagħhom tal-2021. Il-pagi minimi għad għandhom rwol importanti f'dan ir-rigward([35]).

**Fl-istess waqt, filwaqt li fl-aħħar trimestri l-affarijiet marru għall-aħjar, in-nuqqas ta' ħaddiema għadu mifrux madwar setturi u livelli ta' ħiliet([36]), filwaqt li l-livelli tal-qgħad għadhom għoljin f'xi reġjuni u għad fadal l-inugwaljanzi.** Għad hemm ambitu wiesa' biex tittejjeb il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' gruppi sottorappreżentati, inklużi n-nisa, l-anzjani u ż-żgħażagħ, kif ukoll gruppi żvantaġġati bħar-Rom, persuni bi sfond ta' migrazzjoni u persuni b'diżabbiltà, kif ġie enfasizzat fil-pjan ta' azzjoni adottat reċentement dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet([37]), kif ukoll fil-Pakkett dwar il-Mobbiltà tal-Ħiliet u t-Talenti([38]) u l-Istrateġiji tal-Unjoni għall-Ugwaljanza([39]). Fit-tul, in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet x'aktarx li jkompli jiżdied minħabba t-tnaqqis fil-forza tax-xogħol b'kaġun ta' bidliet demografiċi, u, pereżempju, iż-żieda fid-domanda għall-ħaddiema b'ħiliet speċifiċi, dawk meħtieġa għat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi kif ukoll għas-setturi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul. Il-pjan ta' azzjoni jippromwovi l-importanza ta' parteċipazzjoni akbar fl-edukazzjoni u t-taħriġ. L-Istati Membri u s-sħab soċjali jeħtieġ li jiżviluppaw b'mod konġunt l-informazzjoni dwar il-ħiliet, jistabbilixxu sħubijiet tal-ħiliet settorjali u reġjonali ġodda, u jadattaw il-kurrikuli biex jissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, inkluż fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Barra minn hekk, it-tfassil xieraq tal-benefiċċji tat-taxxa u soċjali (b'attenzjoni għall-impatt distributtiv tagħhom), il-kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati, u t-titjib tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol jistgħu jgħinu biex iħeġġu il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Minbarra t-tnaqqis tad-diskrepanzi bejn il-

([34]) Il-kapaċità ta' sopravivenza u ta' suċċess quddiem xokkijiet u stress relatati mal-ilma, pereż. nixfa jew għargħar.
([35]) L-adozzjoni tad-Direttiva tal-UE dwar il-pagi minimi (id-Direttiva (UE) 2022/2041) toħloq momentum pożittiv għal dawk il-miżuri li jiżguraw pagi minimi adegwati.
([36]) B'rata ta' 2,5 % fir-raba' trimestru tal-2023, ir-rata ta' pożizzjonijiet vakanti fl-UE għadha aktar mid-doppju tal-livell ta' għaxar snin ilu.
([37]) Nindirizzaw l-iskarsezza ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE - Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu).
([38]) Il-Pakkett dwar il-Mobbiltà tal-Ħiliet u tat-Talenti se jgħin biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' ħaddiema u ħiliet billi jattira u jżomm ċittadini ta' pajjiżi terzi tas-sengħa lejn l-Unjoni permezz tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u r-rikonoxximent tal-kwalifiki.
([39]) L-Istrateġiji tal-Unjoni dwar l-Ugwaljanza jippromwovu opporttunitajiet indaqs fis-suq tax-xogħol u fl-edukazzjoni għan-nisa u l-gruppi żvantaġġati bħall-persuni b'diżabilità, u dawk bi sfond razjali jew etniku, bħar-Rom.

ġeneri fl-impjiegi, l-investimenti u r-riformi biex jittejbu l-eżiti u l-ħiliet edukattivi jgħinu wkoll biex jittejbu l-opportunitajiet indaqs, l-eżiti tas-suq tax-xogħol u l-produttività.

**It-titjib tal-eżiti edukattivi għal kulħadd huwa kruċjali biex jissaħħu l-produttività u l-kompetittività u tiġi appoġġata l-konverġenza soċjali 'l fuq fl-UE.** It-tnaqqis ġenerali inkwetanti fir-riżultati ta' PISA jirrifletti prestazzjoni li ġeneralment naqset – inkluż ta' dawk li jiksbu l-aħjar riżultati li huma mistennija jixprunaw l-innovazzjoni futura – kif ukoll distakk soċjoekonomiku dejjem jikber fl-eżiti tal-edukazzjoni, li jenfasizza l-ħtieġa li jittejbu l-eżiti edukattivi b'mod ġenerali, jitnaqqsu l-inugwaljanzi u tiġi promossa l-eċċellenza fl-edukazzjoni ([40]). Il-livelli ta' inattività għadhom għoljin fost iż-żgħażagħ. Iż-żieda fid-diskrepanzi, inklużi disparitajiet reġjonali kbar fl-aċċess għall-edukazzjoni u l-kwalità tagħha, ifixklu reġjuni sħaħ u gruppi żvantaġġati tal-popolazzjoni, u b'hekk jimminaw il-koeżjoni soċjali u territorjali u l-kompetittività tal-Istati Membri. Iridu jsiru sforzi ta' politika biex jsaħħu d-disponibbiltà, l-inklużività u l-kwalità tal-edukazzjoni; jippromwovu s-suċċess fl-iskola; jipprovdu perkorsi għall-istudenti biex jilħqu l-eċċellenza; u jiżguraw tranżizzjonijiet bla xkiel bejn l-edukazzjoni u l-impjiegi. Fl-aħħar mill-aħħar, sforzi bħal dawn iservu wkoll biex jappoġġaw il-valuri demokratiċi u l-funzjonament tas-soċjetajiet ħielsa tagħna. Iż-żieda fil-provvista ta' servizzi ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità u inklużivi tista' ttejjeb l-opportunitajiet ta' tagħlim għat-tfal żvantaġġati u tagħti spinta lill-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol.

**Iż-żieda fl-għoli tal-ħajja tagħmel ħsara lis-segmenti l-aktar vulnerabbli tas-soċjetà tagħna.** Għalkemm l-inflazzjoni qed tonqos b'rata mgħaġġla, il-kostijiet ogħla tal-ikel, l-enerġija u t-trasport qed jaffettwaw b'mod negattiv gruppi b'introjtu partikolarment aktar baxx u persuni f'sitwazzjonijiet żvantaġġati([41]). Dan jiġġustifika sforzi kontinwi biex jitnaqqas il-faqar, inkluż il-faqar enerġetiku. Filwaqt li r-riskji ġenerali tal-faqar baqgħu ġeneralment l-istess, il-faqar fost it-tfal qed jiżdied u d-distakki fis-sitwazzjoni soċjali, pereż. bejn diversi gruppi u reġjuni, iridu jiġu mmonitorjati kontinwament. L-aċċess affordabbli għal servizzi essenzjali għadu importanti biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet bażiċi tan-nies, peress li jwassal għal sehem aktar baxx ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali u differenza iżgħar bejn il-ġeneri fl-impjiegi ([42]). Id-disponibbiltà insuffiċjenti ta' akkomodazzjoni affordabbli hija sfida li qed tikber madwar l-UE, u taffettwa lil xi Stati Membri b'mod aktar sever.

**Is-sistemi ta' protezzjoni soċjali jeħtieġ li jsiru adegwati u adatti għall-futur.** It-tixjiħ tal-popolazzjoni, il-bidliet fid-dinja tax-xogħol, u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jeħtieġu żvilupp ulterjuri fil-mod kif jitfasslu u jiġu ffinanzjati s-sistemi tal-protezzjoni soċjali, biex jiġi żgurat li n-nies ikomplu jikkontribwixxu għall-protezzjoni soċjali u jibbenefikaw minnha. Dan jinkludi t-tisħiħ tal-inċentivi u l-appoġġ biex il-benefiċjarji jidħlu fis-suq tax-xogħol, u t-titjib tal-adegwatezza, l-effiċjenza u l-kopertura tas-servizzi, inklużi l-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul. F'ħafna Stati Membri, it-tisħiħ tar-reżiljenza u l-kapaċità tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul jibqa' prijorità, inkluż permezz tad-deistituzzjonalizzazzjoni, infrastruttura suffiċjenti u xierqa u l-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema, inkluż permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati. L-isfruttar tal-potenzjal tal-għodod diġitali u l-IA jista' jgħin ukoll biex jingħata aċċess effettiv għall-kura tas-saħħa effettiv iżda jeħtieġ li l-livelli tal-ħiliet diġitali tal-forza tax-xogħol tal-kura tas-saħħa u tal-pubbliku ġenerali jiżdiedu. Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi żgurat

([40]) Wara żieda sproporzjonata, fl-2022 madwar nofs l-istudenti bi sfond soċjoekonomiku żvantaġġat (48 %) ma laħqux livell minimu ta' profiċjenza fil-matematika.
([41]) Pereż. ġenituri waħedhom, persuni b'diżabbiltà, u persuni bi sfond ta' migrazzjoni jew minoranzi nazzjonali etniċi (bħar-Rom).
([42]) L-edizzjoni tat-2.0 2024 tal-indiċi tal-Progress Soċjali reġjonali tal-UE..

li t-trasformazzjoni diġitali tas-sistemi tas-saħħa tkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini kollha u tgħin biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jindirizzaw it-tibdil demografiku fl-oqsma kollha ta' politika, billi jużaw l-għodod disponibbli fil-livell tal-UE, inkluż fis-Sett ta' Għodod tad-Demografija([43]), flimkien mal-politiki nazzjonali, u jsejsu l-isforzi tagħhom fir-realtajiet lokali.

**It-tranżizzjoni lejn Ewropa newtrali għall-klima trid tkun ġusta u inklużiva.** L-appoġġ finanzjarju u tekniku tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u strumenti oħra qed jgħin lir-reġjuni vulnerabbli jaċċelleraw id-diversifikazzjoni ekonomika tagħhom, u lin-nies f'dawk ir-reġjuni biex jiksbu ħiliet għall-impjiegi li qed jinħolqu bħala riżultat tat-tranżizzjoni lejn Ewropa newtrali għall-klima.

**L-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tkompli tiggwida l-konverġenza soċjali 'l fuq fl-UE([44]).** Minkejja l-progress fil-miri nazzjonali tal-impjiegi għall-2030, l-Istati Membri għandhom bżonn jagħmlu aktar sforzi sinifikanti, b'mod partikolari biex jintlaħqu l-miri dwar il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, anki biex jgħinu fil-kisba tal-impenji madwar l-UE kollha f'dawn l-oqsma kif ukoll biex jappoġġaw il-konverġenza soċjali 'l fuq u l-koeżjoni soċjali fl-UE. Minbarra l-implimentazzjoni ta' riformi ewlenin f'dawn l-oqsma, l-Istati Membri qed jinvestu b'mod qawwi f'Ewropa aktar soċjali, b'aktar minn EUR 163 biljun iddedikati għall-edukazzjoni, is-saħħa, l-impjiegi u l-politiki soċjali taħt l-RRF, u aktar minn EUR 165 biljun f'investimenti (b'kofinanzjament nazzjonali) taħt il-politika ta' koeżjoni għall-perjodu 2021-2027. Fis-6 ta' Mejju 2024, il-Kummissjoni ppubblikat analiżi dettaljata tal-pajjiż fl-oqsma tal-impjiegi, l-edukazzjoni, il-ħiliet u l-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni fir-rigward ta' seba' Stati Membri, f'konformità mal-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali (ara l-Kaxxa 3)([45]). Bħala parti mill-Pakkett tar-Rebbiegħa, il-Kummissjoni qed tipproponi wkoll li taġġorna l-Linji Gwida dwar l-Impjiegi għaċ-ċiklu annwali li jmiss, biex jirriflettu l-aktar kuntest soċjoekonomiku u l-aktar inizjattivi ta' politika reċenti.

([43]) EUR-Lex - 52023DC0577 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

([44]) L-analiżi tal-pajjiżi tal-Kummissjoni dwar il-konverġenza soċjali f'konformità mal-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali (SCF) – SWD (2024) 132.

([45]) Ara l-analiżi tal-pajjiżi tal-Kummissjoni dwar il-konverġenza soċjali f'konformità mal-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali (SCF) – SWD (2024) 132.

**Kaxxa 3: Analiżi dwar il-konverġenza soċjali f'konformità mal-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali (SCF, Social Convergence Framework)**

**Il-Kummissjoni vvalutat l-eżistenza ta' sfidi għall-konverġenza soċjali 'l fuq f'seba' Stati Membri f'konformità mal-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali (SCF).** Il-Fond Soċjali għall-Klima jinvolvi analiżi f'żewġ stadji tar-riskji u l-isfidi għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Istati Membri. Is-suq tax-xogħol, il-ħiliet u l-politiki soċjali tal-Istati Membri kollha jiġu analizzati fl-analiżi tal-ewwel stadju, ippreżentata fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER) 2024.([46]) Seba' Stati Membri (il-Bulgarija, l-Estonja, Spanja, l-Italja, il-Litwanja, l-Ungerija u r-Rumanija) ġew identifikati bħala li jippreżentaw riskji fir-rigward tal-konverġenza soċjali 'l fuq. F'Mejju 2024 il-servizzi tal-Kummissjoni ppubblikaw analiżi tat-tieni stadju għal dawn is-seba' pajjiżi, li tenfasizza l-oqsma ta' politika li ġew identifikati bħala li jippreżentaw riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-ewwel stadju permezz tal-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali. Din l-analiżi tat-tieni stadju tiddependi fuq sett wiesa' ta' evidenza kwantitattiva u kwalitattiva u l-fatturi ewlenin li huma diffikultużi biex tinkiseb il-konverġenza soċjali 'l fuq. Hija teżamina f'aktar dettall l-iżviluppi u tqis ir-reazzjonijiet ta' politika rilevanti mwettqa jew ippjanati mill-Istat Membru. Is-sejbiet tal-analiżi tal-konverġenza soċjali huma riflessi fir-rapporti tal-pajjiżi u infurmaw is-Semestru Ewropew 2024.

Din l-analiżi kkontribwiet għar-rieżamijiet multilaterali fil-kumitati rilevanti tal-Kunsill.

## 5. KONKLUŻJONI

**Is-Semestru Ewropew jipprovdi l-qafas ta' koordinazzjoni tal-politika li jindirizza l-isfidi ekonomiċi u soċjali ewlenin fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri.** Iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2024 huwa partikolarment iffukat fuq il-kompetittività, u jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jindirizzaw l-ostakli li mhumiex koperti biżżejjed minn miżuri fl-RRPs jew fil-programmi tal-politika ta' koeżjoni. Huwa jħejji wkoll it-triq għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika, li se jsaħħaħ is-sostenibbiltà fiskali u jappoġġa t-tkabbir sostenibbli u r-reżiljenza fit-tul, filwaqt li jiżgura l-progress kontinwu tal-UE lejn l-ilħuq tal-SDGs u l-objettivi tal-klima u tal-enerġija b'mod partikolari. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri qed jagħmlu progress kostanti fl-implimentazzjoni tal-RRPs u tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni tagħhom. Madankollu, fid-dawl tal-iskadenza tal-2026 b'rabta mal-RRF u tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni, xi Stati Membri jingħataw il-parir biex jindirizzaw d-dewmien akkumulat u l-isfidi strutturali b'mod urġenti. Ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni jippreżenta opportunità biex jiġu kkunsidrati aġġustamenti, kif ukoll biex l-inizjattiva STEP tintuża biex tittejjeb il-kompetittività.

**Il-Kummissjoni tappella lill-Kunsill Ewropew biex japprova u lill-Kunsill biex jadotta l-proposti tal-Kummissjoni għas-CSRs tal-2024.** Tappella wkoll lill-Istati Membri biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet b'mod sħiħ u f'waqtu, fi djalogu mill-qrib mas-sħab soċjali tagħhom, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra.

([46]) Ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2024 adottat mill-Kunsill fil-11 ta' Marzu 2024.

## APPENDIĊI 1 - ĦARSA ĠENERALI LEJN L-OQSMA TEMATIĊI KOPERTI FI-RAKKOMANDAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-PAJJIŻI

| Kategorija Ġenerali | Ekoloġija | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Oqsma ta' Politika | L-Infrastruttura tal-enerġija rinnovabbli | L-effiċjenza tal-enerġija | L-adattament għat-tibdil fil-klima | Il-ġestjoni ambjentali u tar-riżorsi | It-trasport |
| BE | | X | | | |
| BG | X | X | | | X |
| CZ | | | | | |
| DK | X | | | X | |
| DE | X | | | | X |
| EE | | | | X | |
| IE | X | X | | X | |
| EL | X | | X | | X |
| ES | | | X | X | |
| FR | X | | | | |
| HR | | | | | |
| IT | | | | | |
| CY | X | X | X | | |
| LV | X | | | X | |
| LT | | | | X | X |
| LU | X | X | | | X |
| HU | X | | | | |
| MT | X | | | | X |
| NL | X | | | X | |
| AT | | | | | X |
| PL | X | | | X | |
| PT | X | | X | X | |
| RO | | | | | |
| SI | | | | | |
| SK | | | | X | |
| FI | | | | | |
| SE | X | | | | X |

| Kategorija Ġenerali | Diġitali / Suq Uniku | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Oqsma ta' Politika | Il-konnettività diġitali, l-infrastruttura u l- | Id-diġitalizzazzjoni tan-negozji | Id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni | L-ambjent tan-negozju (inklużi l-politiki tal- | Is-suq uniku, il-kompetizzjoni u l- | L-intrapriżi li huma proprjetà tal-Istat | L-akkwist pubbliku u l-konċessjonijiet | Ir-riċerka u l-innovazzjoni |
| BE | | | | X | | | | |
| BG | | | | | | | X | |
| CZ | | | | | | | | X |
| DK | | | | | | | | |
| DE | X | | X | X | | | | |
| EE | | | | | | | | |
| IE | | | | | | | | |
| EL | | | | X | | X | | |
| ES | | | | | | | | |
| FR | | | | X | | | | X |
| HR | | | | | | | | X |
| IT | | | | X | X | | | |
| CY | | | | | | X | | |
| LV | | | | X | | | | |
| LT | | | | | | | | X |
| LU | | | | | | | | X |
| HU | | | | X | X | | | |
| MT | | | | | | | | |
| NL | | | | | | | | |
| AT | | | | X | | | | |
| PL | | X | | | | | X | |
| PT | | | | | | | | |
| RO | | | | | | | | |
| SI | | | | X | | | | X |
| SK | | | | | | | X | |
| FI | | | | | | | | |
| SE | | | | | | | | |

| Kategorija Ġenerali | Soċjali / Saħħa/ Edukazzjoni | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Oqsma ta' Politika | Is-suq tax-xogħol | Il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol | L-opportunitajiet indaqs | L-iffissar tal-pagi u l-pagi | Il-ħiliet, l-ETV kontinwu u t-tagħlim | L-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal | L-edukazzjoni (ġenerali, ETV inizjali u | Is-sistemi tal-pensjonijiet u t-tixjiħ | Il-faqar, l-inklużjoni soċjali u l-protezzjoni | L-iżvilupp reġjonali u s-servizzi pubbliċi lokali | Il-kura tas-saħħa | Il-kura fit-tul | Il-qafas baġitarju u l-governanza fiskali |
| BE | X | X | | | X | | X | | | | | X | X |
| BG | X | | | | X | | X | | | | | | X |
| CZ | X | | | | X | | X | X | | | | | |
| DK | | | | | | | | | | | | | |
| DE | | | | | X | | X | X | | | | | X |
| EE | | | | | X | | | | X | | X | X | |
| IE | | | | | | | | | | | X | | |
| EL | | | | | | | X | | | | | | X |
| ES | | | | | | | | | | | | | X |
| FR | | | | | X | | X | | | | | | |
| HR | | | | | X | | X | | | | | X | |
| IT | | | | | | | | X | | | | X | |
| CY | | | | | X | | X | | | | | | |
| LV | X | | | | X | | | | X | X | X | | |
| LT | | | | | X | | X | X | X | X | X | | |
| LU | | | | | X | | X | X | | | | | |
| HU | | X | | | X | | X | | X | | | | X |
| MT | | | | | X | | X | | | | | | |
| NL | X | X | X | | X | | X | | | | | X | |
| AT | X | | X | | X | X | X | | | | X | X | X |
| PL | X | | | | | | | X | X | | | X | X |
| PT | | | | | | | | X | | | | | |
| RO | | | | | | | | | | | | | X |
| SI | | | | | X | | X | | | | | | X |
| SK | X | | | | | X | X | | | | | | X |
| FI | | | | | X | | X | | X | | X | | X |
| SE | X | | | | X | | X | | | | | | |

| Kategorija Ġenerali | Fiskali / Finanzjarju | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Oqsma ta' Politika | Il-politika tat-tassazzjoni | L-amministrazzjoni tat-taxxa, l-evażjoni tat- | Is-servizzi finanzjarji u l-istabbiltà finanzjarja | L-aċċess għall-finanzi u l-finanzjament tat- | Il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus | L-Akkomodazzjoni | Id-Dejn tas-Settur Privat u l-Qafas tal- |
| BE | X | | | | | | |
| BG | | X | | | | | |
| CZ | X | | | | | | |
| DK | | | | | | | |
| DE | X | | | X | | | |
| EE | X | | | | | | |
| IE | | | | | | | |
| EL | X | X | X | | | | X |
| ES | X | | | | | | |
| FR | X | | | | | | |
| HR | | | | X | | X | |
| IT | X | | | | | | |
| CY | | | | | | | X |
| LV | X | | | X | | | |
| LT | X | | | | | | |
| LU | X | X | | | | X | |
| HU | | | | | | X | |
| MT | | X | | | | | |
| NL | X | | | | | X | |
| AT | X | | | X | | | |
| PL | | | | | | | |
| PT | X | X | | | | | |
| RO | | | | | | | |
| SI | X | | | X | | | |
| SK | X | X | | | | X | |
| FI | | | | | | | |
| SE | X | | | | | X | |

| Kategorija Ġenerali | Reżiljenza Istituzzjonali | | | |
|---|---|---|---|---|
| Oqsma ta' Politika | L-Amministrazzjoni Pubblika | Il-Korruzzjoni | Il-Kwalità tat-Tfassil tal-Liġi | Is-Sistema Ġudizzjarja |
| BE | | | | |
| BG | X | | | |
| CZ | X | | | |
| DK | | | | |
| DE | X | | | |
| EE | | | | |
| IE | X | | | |
| EL | X | | | |
| ES | X | | | |
| FR | | | | |
| HR | X | | | |
| IT | X | | | |
| CY | X | | | |
| LV | | | | |
| LT | X | | | |
| LU | | | | |
| HU | | | | |
| MT | | | | |
| NL | | | | |
| AT | | | | |
| PL | X | | | |
| PT | X | | | |
| RO | X | | | |
| SI | X | | | |
| SK | X | X | | X |
| FI | | | | |
| SE | | | | |

## APPENDIĊI 2 - PROGRESS FL-IMPLIMENTAZZJONI TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-PAJJIŻI

**Iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew tal-2024 iqis l-azzjoni ta' politika tal-Istati Membri biex jiġu indirizzati l-isfidi strutturali identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSR) adottati mill-2019.** Wara l-istabbiliment tal-RRF bħala għodda ċentrali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika tal-UE u dawk nazzjonali, il-valutazzjoni tas-CSR tal-2024 tqis l-azzjoni ta' politika meħuda mill-Istati Membri sal-lum([47]), kif ukoll l-impenji meħuda fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs), skont il-grad ta' implimentazzjoni tagħhom. Għaldaqstant, il-valutazzjoni tirrifletti l-istadji ta' bħalissa fl-implimentazzjoni tal-RRPs, aktar milli l-livell ta' progress li jista' jinkiseb jekk wieħed jassumi implimentazzjoni sħiħa tal-pjanijiet([48]). F'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni tal-RRF, il-valutazzjoni tas-CSR tal-2024 tkopri s-CSRs tal-2019–2022 (valutazzjoni pluriennali) u l-valutazzjoni tas-CSRs tal-2023 (valutazzjoni annwali).

**Illustrazzjoni 1: Il-livell attwali ta' implimentazzjoni tas-CSRs tal-2019-2022**




**Illustrazzjoni 2: Implimentazzjoni tas-CSRs tal-2019-2023: valutazzjoni annwali f'kull sena konsekuttiva fil-konfront tal-implimentazzjoni sa issa**




*Nota: Il-valutazzjoni pluriennali fl-Illustrazzjoni 1 tħares lejn l-implimentazzjoni tas-CSRs tal-2019-2022 miż-żmien li fih ir-rakkomandazzjonijiet ġew adottati l-ewwel darba sal-pubblikazzjoni ta' din il-Komunikazzjoni. Ta' min jinnota li s-CSRs tal-2021 huma relatati biss mal-politika fiskali u għall-fini tal-valutazzjoni tas-CSR tal-2024 tqiesu li ma għadhomx rilevanti. Fl-Illustrazzjoni 2, il-valutazzjoni annwali turi l-progress li ġie rreġistrat fl-ewwel sena wara l-adozzjoni tas-CSRs filwaqt li l-valutazzjoni pluriennali turi l-valutazzjoni ta' CSRs tal-passat sal-lum.*

([47]) Bl-inklużjoni ta' azzjoni ta' politika rrapportata fil-programmi nazzjonali ta' riforma kif ukoll fl-RRF (rapportar biannwali dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-istadji importanti u l-miri u li jirriżulta mill-valutazzjoni tat-talba għall-pagament).

([48]) L-Istati Membri ntalbu jindirizzaw b'mod effettiv fl-RRPs tagħhom ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi kollha jew subsett sinifikanti tas-CSRs rilevanti. Il-valutazzjoni tas-CSR ippreżentata hawnhekk tqis il-grad ta' implimentazzjoni tal-miżuri inklużi fl-RRPs u ta' dawk li saru barra mill-RRPs fiż-żmien tal-valutazzjoni. Il-miżuri previsti fl-Annessi tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li ġew adottati dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRPs li għadhom ma ġewx adottati jew implimentati u li madankollu huma meqjusa bħala mħabbra b'mod kredibbli, f'konformità mal-metodoloġija ta' valutazzjoni tas-CSR, jiġġustifikaw "progress limitat". Ladarba jiġu implimentati, dawn il-miżuri jistgħu jwasslu għal "xi progress/progress sostanzjali" jew "implimentazzjoni sħiħa", skont ir-rilevanza tagħhom.

**Minn perspettiva pluriennali, tal-anqas inkiseb ċertu progress fir-rigward ta’ 71 % tas-CSRs tal-2019-2022** (ara l-Illustrazzjoni 1). Meta jitqabbel mal-valutazzjoni tas-sena l-oħra, inkiseb progress addizzjonali sinifikanti kemm fis-CSRs tal-2019 kif ukoll tal-2020. Sal-lum, 75 % ta’ dawn is-CSRs irreġistraw mill-anqas ċertu progress fl-implimentazzjoni meta mqabbla ma’ 68 % fl-2023. Dan juri li l-RRF, bħala strument ibbażat fuq il-prestazzjoni, tkompli taċċellera l-azzjoni ta’ politika biex jiġu implimentati s-CSRs rilevanti, u mistennija tkompli ssaħħaħ l-implimentazzjoni tas-CSR hekk kif jitwettqu riformi u investimenti addizzjonali fl-RRPs fis-snin li ġejjin. Madankollu, l-implimentazzjoni tar-riformi hija ferm differenti f’oqsma ta’ politika differenti. F’dawn l-aħħar snin, l-akbar progress tal-Istati Membri sar fl-aċċess għall-finanzi u s-servizzi finanzjarji, segwiti mill-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-funzjonament tas-suq tax-xogħol u l-qafas baġitarju u l-governanza fiskali. Min-naħa l-oħra, il-progress kien partikolarment kajman fil-politika tat-tassazzjoni, l-amministrazzjoni tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa, in-nondiskriminazzjoni u l-opportunitajiet indaqs, is-sistemi tal-pensjonijiet, u l-akkomodazzjoni.

**Il-progress fl-implimentazzjoni tas-CSRs adottati fl-2023 kien sostanzjali wkoll.** L-Istati Membri għamlu almenu “ċertu progress” fi kważi 59 % tar-rakkomandazzjonijiet li ġew indirizzati lilhom f’Lulju 2023 (Illustrazzjoni 2). Meta jitqiesu l-oqsma ta’ politika li fihom għadd sinifikanti ta’ Stati Membri rċevew rakkomandazzjoni fl-2023, il-biċċa l-kbira tal-progress ġenerali nkiseb fil-qafas baġitarju u l-governanza fiskali, segwiti mill-ambjent kummerċjali, l-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli, l-infrastruttura u n-networks tal-enerġija. B’kuntrast ma’ dan, sar anqas progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet dwar il-politika tat-tassazzjoni.

Ir-riżultati tal-valutazzjoni tas-CSR tal-2024, flimkien ma’ dawk tas-snin li għaddew se jkunu disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni.

## APPENDIĊI 3 - IL-PROGRESS TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-SDGs MADWAR L-UE




Matul il-perjodu ta' ħames snin li ġie vvalutat([49]), l-UE għamlet progress sinifikanti lejn it-tnaqqis tal-inugwaljanzi (SDG 10), l-iżgurar ta' xogħol deċenti u tkabbir ekonomiku (SDG 8) u t-tnaqqis tal-faqar (SDG 1). Sar ukoll progress tajjeb fir-rigward tal-għanijiet dwar it-tixjin tal-ġuħ (SDG 2), l-industrija, l-innovazzjoni u l-infrastruttura (SDG 9), il-konsum u l-produzzjoni responsabbli (SDG 12), il-ħajja taħt l-ilma (SDG 14), l-edukazzjoni ta' kwalità (SDG 4) u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri (SDG 5). L-UE rat ukoll progress lejn l-għanijiet dwar il-paċi, il-ġustizzja u istituzzjonijiet b'saħħithom (SDG 16), bliet u komunitajiet sostenibbli (SDG 11), sħubijiet għall-għanijiet (SDG 17) u azzjoni klimatika (SDG 13).

Il-progress lejn l-għan dwar l-ilma nadif u s-sanità (SDG 6) kien limitat, diversi indikaturi wrew żviluppi pożittivi iżda oħrajn ma wrew l-ebda progress jew saħansitra ċaqliqa. Fir-rigward tal-enerġija affordabbli u nadifa (SDG 7), ġie osservat ċaqliq żgħir lil hinn mill-għan minħabba l-impatt negattiv fuq l-affordabbiltà tal-enerġija bħala konsegwenza tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-kriżi tal-enerġija konsegwenti fl-UE. Il-progress lejn l-għan dwar saħħa tajba u benesseri (SDG 3) ġie mfixkel mill-ostakli tal-pandemija tal-COVID-19 li issa huma kompletament viżibbli fid-*data* disponibbli. L-għan dwar il-ħajja fuq l-art (SDG 15) huwa kkaratterizzat minn diversi xejriet mhux sostenibbli fl-oqsma tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tal-art, li jwasslu għal valutazzjoni moderatament sfavorevoli tal-progress tal-UE f'dan il-qasam matul il-perjodu ta' żmien qasir tal-valutazzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea pproponiet inizjattivi ta' politika importanti biex treġġa' lura d-degradazzjoni tal-ekosistemi bħala parti mill-Patt Ekoloġiku

*Nota: Iċ-ċifra ta' hawn fuq turi l-pass tal-progress tal-UE lejn kull wieħed mis-17-il għan matul l-aktar perjodu reċenti ta' ħames snin skont l-indikaturi magħżula. Il-metodu għall-valutazzjoni tal-indikaturi u l-aggregazzjoni tagħhom fil-livell tal-objettivi, kif ukoll analiżijiet aktar dettaljati huma disponibbli fuq is-sit web tal-Eurostat: Ħarsa ġenerali - Indikaturi tal-iżvilupp sostenibbli - Eurostat (europa.eu).*

Ewropew, bħall-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità, l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti, l-Istrateġija tal-UE dwar il-Ħamrija għall-2030 u l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt.

## APPENDIĊI 4 - SEJBIET TAR-RIEŻAMIJIET FIL-FOND TAL-IŻBILANĊI MAKROEKONOMIĊI FL-ISTATI MEMBRI

**Ġew identifikati żbilanċi jew żbilanċi eċċessivi f'9 mit-12-il Stat Membru li għalihom twettaq rieżami fil-fond.** Ir-rieżami fil-fond (in-depth review, IDR) ħares lejn il-gravità tal-iżbilanċi, l-evoluzzjoni riċenti u prospettiva tagħhom u r-reazzjonijiet ta' politika relatati. Din is-sena, l-analiżi tal-IDRs ġiet ippreżentata qabel il-Pakkett tar-Rebbiegħa tas-Semestru Ewropew biex tippermetti diskussjonijiet multilaterali aktar fil-fond mal-Istati Membri qabel il-konklużjonijiet dwar is-sejbiet tal-iżbilanċi u l-formulazzjoni sussegwenti tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż([50]).

**Il-klassifikazzjonijiet jirriflettu wkoll id-dħul fis-seħħ tal-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika billi jiċċaraw ir-rwoli rispettivi tal-MIP u tal-PST fis-sorveljanza makroekonomika ġenerali, speċjalment meta ssir il-valutazzjoni tar-riskji fuq is-sostenibbilt a fiskali.** Fejn ir-riskji huma essenzjalment ibbażati fuq tħassib dwar is-sostenibbiltà fiskali u fejn ir-risponsi politiċi meħtieġa huma fil-biċċa l-kbira tagħhom fil-qasam tal-politika fiskali, il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) jenħtieġ li jitqies bħala l-mezz xieraq għas-sorveljanza u l-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet ta' politika. Fejn ikun hemm riskji makroekonomiċi usa' minbarra s-sostenibbiltà fiskali, fosthom il-possibbiltà ta' effetti konsegwenzjali possibbli, li jeħtieġu rispons ta' politika usa', il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP) jenħtieġ li tkompli tikkomplementa s-sorveljanza fl-ambitu tal-PST. Meta l-vulnerabbiltajiet ma jkollhomx l-għeruq tagħhom f'dejn għoli jew fil-laxkezza fiskali, l-MIP tkun l-uniku mezz biex jiġi żgurat mekkaniżmu ta' sorveljanza b'saħħtu biżżejjed.

**L-evoluzzjoni tal-vulnerabbiltajiet kienet differenti fost l-Istati Membri iżda f'ħafna każijiet il-vulnerabbiltajiet naqsu, hekk kif il-kundizzjonijiet ekonomiċi aġġustaw għal inflazzjoni għolja – li issa qed tonqos.** Il-valutazzjoni tal-iżbilanċi ta' din is-sena saret fl-isfond ta' momentum dgħajjef is-sena l-oħra u prospetti ta' aċċellerazzjoni gradwali fit-tkabbir din is-sena. Il-pressjonijiet tal-inflazzjoni naqsu, parzjalment minħabba tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet tal-enerġija, li għen lill-pożizzjonijiet esterni, iżda l-pressjonijiet fuq il-kostijiet u l-prezzijiet għadhom rilevanti. Fl-istess ħin, l-issikkar tal-kundizzjonijiet finanzjarji matul dawn l-aħħar sentejn iżid ir-riskji. Fl-istess waqt, l-evoluzzjoni tal-vulnerabbiltajiet ġiet affettwata wkoll mill-gradi differenti ta' azzjoni politika. L-impatt ta' dawn l-iżviluppi ekonomiċi jista' jkun li ma spiċċax kompletament, u dan jirrikjedi monitoraġġ mill-qrib u kontinwu tal-iżbilanċi - u f'dan il-kuntest il-perspettiva li tħares 'il quddiem tkun waħda importanti. Il-paragrafi ta' hawn taħt jelaboraw dwar l-aktar vulnerabbiltajiet u prospetti rilevanti f'dan l-istadju.

**Il-pressjonijiet fuq il-kompetittività tal-kostijiet u tal-prezzijiet qed jonqsu iżda d-dinamika diverġenti madwar il-pajjiżi għadha ta' problema.** L-inflazzjoni globali naqset tassew fil-pajjiżi kollha tal-UE – bil-kontribut ewlieni tal- prezzijiet tal-enerġija li qed jonqsu – għalkemm id-diżinflazzjoni kienet usa' kif indikat minn tnaqqis sinifikanti fl-inflazzjoni bażi sa mill-bidu tal-2023. Id-diverġenza fl-inflazzjoni naqset madwar iż-żona tal-euro u l-UE, iżda mhux b'mod uniformi. It-tnaqqis differenzjali fl-inflazzjoni iseħħ parzjalment minħabba veloċitajiet differenti ta' trasferiment ta' enerġija aktar baxxa lejn oġġetti u servizzi oħra u d-

---

([50]) It-12-il IDRs ġew ippubblikati f'żewġ lottijiet, wieħed f'Marzu (ta' Ċipru, in-Netherlands, ir-Rumanija, is-Slovakkja, Spanja, l-Iżvezja), ieħor f'April (ta' Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Portugall): Rieżamijiet fil-fond — Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu).

dati differenti tal-eliminazzjoni gradwali tal-miżuri li kienu ttieħdu biex jitrażżnu l-prezzijiet tal-enerġija fl-2022. Il-pressjonijiet inflazzjonarji domestiċi għadhom sinifikanti, u l-kostijiet ta' unità lavorattiva u l-marġnijiet tal-profitt komplew jiżdiedu. Fl-2023 iż-żidiet kbar fil-pagi fl-istess waqt li l-qgħad niżel f'livelli baxxi storiċi u l-produttività tax-xogħol għajjiena fi żminijiet ta' tkabbir batut wasslu għall-aċċelerazzjoni tal-kostijiet tal-unità lavorattiva. Min-naħa l-oħra, l-apprezzament tar-rata tal-kambju nominali inkluż għall-biċċa l-kbira tal-pajjiżi li mhumiex fiż-żona tal-euro seta' naqqas xi pressjonijiet inflazzjonarji.

**Filwaqt li mistennija li jibqgħu jonqsu, il-pressjonijiet fuq il-kost u l-prezzijiet għadhom problema.** Il-prospetti huma għal tnaqqis ulterjuri fil-pressjonijiet tal-kostijiet, inklużi l-kostijiet ta' unità lavorattiva peress li t-tkabbir fil-pagi mistenni jonqos u l-produttività toqrob liċ-ċiklu ekonomiku. Madankollu, l-inflazzjoni għadha għolja fil-parti l-kbira taż-żona tal-euro u tal-UE. Jekk il-pressjonijiet li ġejjin mid-dinamika tal-pagi u tal-profitti jibqgħu b'saħħithom għal żmien twil, jista' jkun li d-diżinflazzjoni tipprċedi aktar bil-mod milli mistenni. Jekk id-diverġenzi bejn l-iżviluppi fil-prezzijiet u l-iżviluppi fil-kostijiet jibqgħu għaddejjin għal żmien twil u ma jkunux mibnija fuq produttività aktar għolja, jista' jkun li l-kompetittività tibqa' batuta, u jinħolqu riskji għall-pożizzjonijiet esterni u għall-effikaċja tal-pożizzjoni monetarja. Dan irid jiġi indirizzat b'azzjoni politika, fosthom l-użu tal-politika fiskali biex id-domanda titreġġa' lura għal livelli aktar sostenibbli u sforzi biex jittejjeb il-funzjonament tas-swieq.

**Il-kontijiet kurrenti ssaħħew grazzi għat-tnaqqis tal-prezzijiet tal-enerġija, iżda l-fatt li d-defiċits u s-surpluses kbar fil-kont kurrenti baqgħu għoljin jenfasizza t-tħassib dwar id-dinamika tad-domanda domestika.** Il-pożizzjonijiet esterni madwar l-UE bbenefikaw mit-tnaqqis tal-prezzijiet tal-importazzjoni tal-enerġija mill-ogħla livelli tagħhom tal-2022. Fl-istess ħin, xi pajjiżi bbenefikaw minn żidiet aktar qawwija fl-esportazzjonijiet tat-turiżmu, filwaqt li l-bilanċi kummerċjali ta' uħud oħra kienu affettwati minn dgħufija fil-kummerċ dinji, speċjalment fil-manifattura ta' prodotti u b'mod partikolari tal-kummerċ barra mill-UE. B'mod ġenerali, lil hinn mill-bilanċ tal-enerġija, l-iżviluppi fil-pożizzjonijiet esterni kienu differenti, fost l-oħrajn skont is-saħħa tad-domanda domestika. F'xi każijiet, il-konsum dinamiku u l-investiment wasslu għall-estensjoni ta' defiċits kbar fil-kont kurrenti; f'każijiet oħra, id-domanda domestika kajmana kkontribwiet biex l-eċċessi baqgħu kbar.

**Għall-ġejjieni, il-bidliet fil-kontijiet kurrenti mistennija jkunu aktar dgħajfa milli f'dawn l-aħħar snin għalkemm f'ħafna każijiet għandhom juru żidiet żgħar.** Il-bidliet mistennija huma kkawżati minn varjazzjonijiet limitati tat-termini tal-kummerċ kif ukoll prospetti ta' xi aċċellerazzjoni fil-kummerċ globali, flimkien ma' bidliet limitati fid-domanda domestika. Il-biċċa l-kbira tad-defiċits kbar fil-kont kurrenti mistennija jonqsu biss bi ftit. Barra minn hekk, dawk id-defiċits għandhom it-tendenza li jkunu aktar dgħajfa mill-elementi fundamentali u agħar mil-livelli li kienu qabel il-pandemija. Il-biċċa l-kbira tal-każijiet l-oħra mistennija jkomplu jiżdiedu, inkluż surpluses fil-kont kurrenti kbar u fit-tul, li madankollu mistennija jibqgħu bil-bosta taħt il-livelli ta' qabel l-2022.

**Fl-2023 l-biċċa l-kbira tal-pożizzjonijiet ta' investiment internazzjonali netti negattivi komplew jitjiebu grazzi wkoll għat-tkabbir nominali tal-PDG.** Uħud mill-aktar pożizzjonijiet negattivi tjiebu minkejja defiċits kbar fil-kontijiet kurrenti. Madankollu, jista' jkun li xi wħud minn dawk il-proporzjonijiet aktar negattivi tal-PIIN mal-PDG mhux se jitjiebu

aktar din is-sena jew ta' wara, u f'każijiet oħra mhux daqshekk reċentement, li jirrifletti t-tkabbir nominali aktar baxx tal-PDG u l-persistenza ta' ħtiġijiet kbar għal self estern.

**Il-prezzijiet tad-djar immoderaw jew naqsu f'xi każijiet, u dan wassal għal tnaqqis fis-sopravalutazzjoni tas-swieq tad-djar.** Fl-2023 is-swieq tad-djar komplew inaqqsu mir-ritmu f'kuntest ta' kundizzjonijiet ta' finanzjament aktar stretti u d-dħul tal-unitajiet domestiċi taħt pressjoni; dawn it-tnejn jaffettwaw il-kapaċità mnaqqsa ta' self tal-unitajiet domestiċi u jnaqqsu d-domanda għall-akkomodazzjoni. Il-korrezzjoni tal-prezzijiet tad-djar kienet aktar evidenti f'pajjiżi fejn il-prezzijiet kienu aktar sopravalutati u l-unitajiet domestiċi kellhom aktar dejn. F'dawk il-każijiet, il-grad ta' sopravalutazzjoni tas-swieq tad-djar naqas – għalkemm il-prezzijiet tad-djar tipikament baqgħu sopravalutati – u l-proporzjonijiet bejn il-prezz u l-introjtu naqsu. Min-naħa l-oħra, fi ftit każijiet il-prezzijiet tad-djar komplew jiżdiedu b'mod qawwi, xi drabi bid-dinamiżmu tas-snin ta' qabel, u f'oħrajn kienu aktar ġodda. Il-prezzijiet tal-proprjetà immobbli kummerċjali kienu qed jaraw korrezzjoni wkoll iżda għadhom problema f'xi pajjiżi.

**Id-dinamika tal-prezzijiet tad-djar għandha tibqa' moderata peress li l-kundizzjonijiet finanzjarji għadhom stretti, iżda maż-żmien il-prezzijiet jistgħu jerġgħu jiżdiedu hekk kif il-kapaċità tas-self tirkupra u l-provvista tkun għadha limitata.** Hemm il-possibbiltà li l-perjodu ta' tnaqqis tal-prezzijiet tad-djar qed jasal fi tmiemu iżda l-prospettiva fuq terminu qasir għadha kkaratterizzata minn kundizzjonijiet ta' finanzjament stretti li jnaqqsu d-domanda u l-prezzijiet. Madankollu, dawk il-fatturi jistgħu jreġġgħu lura hekk kif jonqsu r-rati tal-imgħax u jiżdiedu l-introjti tal-unitajiet domestiċi jogħlew b'żidiet reali fil-pagi. Fl-istess waqt, it-tnaqqis ta' akkomodazzjoni residenzjali ġdida u ta' permessi tal-bini f'diversi pajjiżi f'dan l-aħħar perjodu jfisser li jista' jkun li n-nuqqas ta' provvista ta' akkomodazzjoni qed tikber u mhux tonqos, u dan għandu t-tendenza li jżid il-pressjonijiet 'il fuq fuq il-prezzijiet. Fl-istess waqt, ċerti aspetti ta' politika għadhom jinsistu għal sjieda tal-akkomodazzjonijiet iffinanzjati bid-dejn f'diversi pajjiżi, inklużi karatteristiċi tat-tassazzjoni u swieq tal-kiri li ma jaħdmux tajjeb, li jistgħu jżidu l-prezzijiet ladarba l-kundizzjonijiet ta' finanzjament isiru attraenti biżżejjed. It-tħassib dwar il-proprjetà immobbli kummerċjali għadu ma għebx u s-settur għadu partikolarment sensittiv għall-kundizzjonijiet ta' finanzjament.

**Il-proporzjonijiet kbar tad-dejn privat u tal-gvern komplew jonqsu minħabba tkabbir nominali għoli tal-PDG u self aktar baxx, iżda għadhom sinifikanti f'diversi każijiet.** Il-proporzjonijiet tad-dejn għall-PDG ilhom jonqsu b'mod viżibbli mill-2021, fil-biċċa l-kbira grazzi għal tkabbir nominali ogħla tal-PDG, iżda dak l-impatt diġà kellu t-tendenza li jiddgħajjef fl-2023 hekk kif it-tkabbir tal-PDG naqas f'termini reali. Barra minn hekk, il-flussi tal-kreditu ddgħajfu b'mod viżibbli kemm għall-unitajiet domestiċi kif ukoll għall-korporazzjonijiet mhux finanzjarji minħabba kundizzjonijiet ta' finanzjament aktar stretti, saħansitra kemxejn negattivi f'ċerti każijiet, u b'hekk għenew id-diżingranaġġ. Madankollu, id-djun privati għadhom għoljin f'diversi każijiet. Fir-rigward tad-dejn tal-gvern, f'għadd ta' pajjiżi d-defiċits fiskali sinifikanti żiedu mal-proporzjonijiet tad-dejn, li għadhom ogħla mil-livelli ta' qabel il-kriżi tal-COVID-19 u mistennija jiżdiedu f'xi pajjiżi bi djun għoljin jekk dawn ma jiħdux aktar azzjoni politika.

**It-tnaqqis fid-diżingranaġġ tad-dejn għandu jissokta iżda b'mod li qed jonqos filwaqt li l-inflazzjoni tkompli tirkupra, għalkemm il-kundizzjonijiet finanzjarji xorta jistgħu**

**joħolqu riskji għad-debituri.** It-tnaqqis tal-inflazzjoni qed twitti t-triq għal rati tal-imgħax aktar baxxi, iżda l-kundizzjonijiet ta' finanzjament jistgħu jibqgħu ta' sfida għal xi debituri u mutwatarji. Barra minn hekk, filwaqt li r-rati tal-imgħax mistennija jonqsu, x'aktarx li jibqgħu ogħla mil-livelli baxxi rreġistrati fis-snin li jwasslu għaż-żieda fl-inflazzjoni li, min-naħa tagħha titfa' pressjoni fuq il-kostijiet tas-servizz tad-dejn. Dan huwa aktar inkwetanti fejn il-ħtiġijiet ta' rifinanzjament huma ogħla. Barra minn hekk, meta s-self f'muniti barranin ikun sinifikanti, ir-riskji jistgħu jaggravaw b'vulnerabbiltajiet fil-pożizzjoni esterna li jistgħu jinfirxu f'volatilità tar-rata tal-kambju u primjums tar-riskju ogħla, li jitlob politiki prudenti. Fuq terminu medju, it-tisħiħ tat-tkabbir ekonomiku potenzjali, inkluż bl-implimentazzjoni effettiva tal-RRPs, għandu jappoġġa d-diżingranaġġ tad-dejn.

**Is-settur bankarju wera reżiljenza għall-momentum ekonomiku dgħajjef, iżda jista' jkun li l-effetti sħaħ tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament aktar stretti għadhom ma seħħewx kompletament.** Is-settur bankarju rreżista l-aħħar żviluppi makroekonomiċi sew. Il-profittabbiltà tal-banek żdiedet b'introjtu mill-imgħax ogħla, li għen biex ikomplu jsaħħu l-proporzjonijiet kapitali tagħhom. Sal-lum it-tkabbir ekonomiku dgħajjef u kundizzjonijiet ta' finanzjament aktar stretti ma jidhrux li kellhom impatt fuq l-assi tal-banek. Is-self li ma jrendix (NPLs, non-performing loans) kompla jonqos minkejja li dan kien tnaqqis marġinali biss. F'xi pajjiżi, il-workout tal-NPLs miżmuma barra mis-settur bankarju għadha problema. Fi wħud mill-każijiet, l-esponiment sinifikanti għad-dejn sovran domestiku għadu ta' riskju. Għall-ġejjieni, l-effetti sħaħ tal-issikkar tal-kundizzjonijiet monetarji tal-aħħar sentejn fuq is-servizz tad-dejn jista' jkun li għadhom ma ħarġux fid-dieher għalkollox u jistgħu jiżviluppaw b'mod tardiv. Fil-kuntest attwali, is-sitwazzjoni tas-settur tal-proprjetà immobbli kummerċjali tista' titlob l-attenzjoni peress li l-banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra f'xi pajjiżi għandhom skoperturi kbar għas-settur.

**Tabella 1: KLASSIFIKAZZJONI TAL-ISTATI MEMBRI FIL-MIP**

| | Eżiti tal-2023 | Eżiti tal-2024 |
|---|---|---|
| L-ebda żbilanċ | CZ, EE, LV, LT, LU, **SK** | **ES, FR, PT** |
| Żbilanċi | CY, DE, **ES, FR**, HU, NL, **PT, RO**, SE | CY, DE, **EL**, HU, **IT**, NL, **SK**, SE |
| Żbilanċi Eċċessivi | **EL, IT** | **RO** |
| *p.m.: L-ebda IDR* | *AT, BE, BG, DK, HR, FI, MT, PL, SI* | *AT, BE, BG, CZ, DK, EE, HR, FI, IE, LV, LT, LU, MT, PL, SI* |

Nota: L-Istati Membri li nbidlitilhom il-klassifikazzjoni bejn l-2023 u l-2024 huma mmarkati b'tipa grassa fiż-żewġ kolonni.

## L-Istati Membri li m'għadhomx jesperjenzaw żbilanċi

***Franza** ma għadhiex tesperjenza żbilanċi. L-azzjoni politika għenet fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltajiet, li kellhom rilevanza transfruntiera, relatati mal-kompetittività f'kuntest ta' tkabbir baxx fil-produttività, iżda jeħtieġ li l-isforzi jissuktaw, filwaqt li għad hemm vulnerabbiltajiet relatati mal-infiq pubbliku għoli.* Il-kompetittività tal-prezzijiet evolviet b'mod favorevoli mill-2021, parzjalment minħabba inflazzjoni aktar baxxa minn tas-sħab kummerċjali. Madankollu, l-eżiti tal-kompetittività tal-kostijiet kienu aktar imħallta peress li l-produttività tax-xogħol ġiet riformata minn fatturi temporanji wara l-kriżi tal-COVID-19, inkluż iż-żamma preventiva tal-ħaddiema f'xi setturi ewlenin, u politiki mmirati lejn iż-żieda fl-impjiegi. Dawn irriżultaw fi tkabbir qawwi fl-impjiegi f'dawn l-aħħar snin. Fil-futur il-produttività tax-xogħol u l-kompetittività mistennija jitjiebu, megħjuna minn investimenti u riformi ppjanati, li jenħtieġ li jirfdu d-diżingranaġġ tad-dejn. Id-dejn tas-settur privat żdied b'mod sinifikanti matul il-pandemija, iżda kien akkumpanjat minn żieda fir-rata tat-tfaddil tal-unitajiet domestiċi, u minn żidiet fl-ekwità u l-akkumulazzjoni ta' riżervi ta' likwidità fid-ditti, li issa qed jintużaw. Il-kreditu għall-investiment korporattiv għadu dinamiku minkejja l-kundizzjonijiet finanzjarji aktar stretti. Id-dejn pubbliku għall-PDG naqas xi ftit bl-irkupru fil-PDG mill-2021, għal ftit aktar minn 110 % fl-2023. Fl-2024 ġeneralment huwa pprojettat li jibqa' ġeneralment stabbli iżda li jerġa' jiżdied fl-2025 hekk kif id-defiċits tal-gvern baqgħu għoljin u kontinwi. Ġeneralment, ir-rispons politiku għall-vulnerabbiltajiet identifikati relatati mal-kompetittività f'kuntest ta' tkabbir baxx tal-produttività kien ġeneralment xieraq u għandu jappoġġa t-tkabbir tal-produttività fis-snin li ġejjin, għalkemm iridu jsiru aktar sforzi. L-implimentazzjoni tal-RRP se tgħin biex jiġu indirizzati aktar l-isfidi tal-kompetittività filwaqt li jittejjeb it-tkabbir tal-produttività. Filwaqt li ttieħdet azzjoni politika biex jissaħħu l-finanzi pubbliċi, huwa ċar li hemm bżonn li jsiru aktar sforzi biex jitnaqqas id-dejn pubbliku għoli. Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir riformat, inkluża l-applikazzjoni tal-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv, joffri mekkaniżmu ta' sorveljanza xieraq u b'saħħtu biex jindirizza r-riskji fuq is-sostenibbiltà fiskali.

***Il-Portugall** ma għadux jesperjenza żbilanċi. Sar progress sinifikanti fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltajiet relatati mad-dejn privat, id-dejn tal-gvern u d-dejn estern għoli, li mistennija jkomplu jonqsu.* Wara interruzzjoni kkawżata mill-kriżi tal-pandemija tal-COVID-19, il-proporzjonijiet tad-dejn tas-settur privat u tal-gvern reġgħu bdew jonqsu. Dawn naqsu sostanzjalment mill-2021, megħjuna minn tkabbir qawwi tal-PDG u surplus baġitarju reċenti fil-każ tad-dejn tal-gvern. Il-PIIN ċarament negattiva kienet qed titjieb sostanzjalment, megħjuna minn tkabbir ekonomiku mmarkat u surplus fil-kont kurrenti, u l-istruttura tagħha għadha favorevoli fid-dawl tas-sehem għoli ta' strumenti mhux inadempjenti. Id-dejn privat u tal-gvern u l-PIIN għadhom għoljin, iżda huma mbassra li jonqsu aktar fil-futur, minkejja li t-tkabbir nominali tal-PDG isir inqas ta' appoġġ. Is-sena l-oħra l-kont kurrenti reġa' lura għal surplus u huwa mbassar li jibqa' pożittiv din is-sena u d-dieħla, u nkiseb surplus fiskali. Iż-żieda fir-rati tal-imgħax poġġiet xi pressjoni fuq l-unitajiet domestiċi midjuna u l-prezzijiet tad-djar ilhom jiżdiedu b'mod qawwi għal diversi snin. L-NPLs komplew jonqsu minn livelli li diġà kienu moderati. Sar progress politiku sostnut biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet identifikati u jirfed ir-riżultati viżibbli. L-implimentazzjoni li għaddejja tal-RRP mistennija tkompli jkollha impatt favorevoli fuq il-potenzjal tat-tkabbir, tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà esterna tal-Portugall u tgħin is-sostenibbiltà fiskali.

*Spanja ma għadhiex tesperjenza żbilanċi. Sar progress sinifikanti fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltajiet b'rilevanza transfruntiera, relatati ma' dejn privat u estern għoli, u kien hemm tnaqqis fid-dejn tal-gvern.* Wara interruzzjoni kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, fl-2021 id-dejn tas-settur privat u l-proporzjonijiet negattivi tal-PIIN reġgħu bdew jonqsu, megħjuna minn tkabbir nominali qawwi tal-PDG. It-tnejn li huma mistennija jkomplu jitjiebu fis-snin li ġejjin, għalkemm b'mod aktar gradwali milli seħħ reċentement, hekk kif it-tkabbir nominali tal-PDG mistenni li jgħin anqas. Il-kont kurrenti ilu f'surplus għal għaxar snin u kompla jiżdied fl-2023 li jirrifletti esportazzjonijiet li qed jikbru malajr kif ukoll prezzijiet tal-enerġija aktar baxxi. Il-proporzjon għoli tad-dejn tal-gvern mal-PDG qed jonqos, xprunat minn tkabbir nominali qawwi tal-PDG, iżda din is-sena u li jmiss mistenni li jsir titjib aktar baxx li jirrifletti defiċits fiskali sinifikanti u n-nuqqas ta' appoġġ mit-tkabbir tal-PDG nominali. Ir-rata tal-qgħad ilha tonqos għal għaxar snin u mbassra li tkompli tonqos. Is-settur bankarju baqa' reżiljenti hekk kif il-kundizzjonijiet ta' finanzjament tal-mutwatarji huma aktar stretti. Inkiseb progress sinifikanti fil-politika biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet identifikati, inkluż f'dawn l-aħħar snin bis-saħħa tal-implimentazzjoni tal-RRP, iżda hemm bżonn li jsir sofrz akbar, speċjalment biex jitnaqqas id-dejn għoli tal-gvern.

## L-Istati Membri li għadhom kemm instabu li għaddejjin minn żbilanċi

*Instab li s-Slovakkja qed tesperjenza żbilanċi. Minkejja t-titjib li sar riċentement, il-vulnerabbiltajiet relatati mal-kompetittività tal-kost, il-bilanċ estern, is-suq tal-akkomodazzjoni u d-dejn tal-unitajiet domestiċi għadhom jippersistu filwaqt li għadha ma ttieħdet l-ebda azzjoni politika.* Is-Slovakkja kienet soġġetta għal IDR fl-2023, u l-vulnerabbiltajiet tagħha ġew ivvalutati bħala li ma jammontawx għal żbilanċi makroekonomiċi peress li kienu mistennija jonqsu fuq terminu medju. Dawn il-vulnerabbiltajiet naqsu, iżda mhux malajr daqs kemm kien mistenni sena ilu. Barra minn hekk, it-titjib jidher li huwa ċikliku, b'vulnerabbiltajiet strutturali li jidhru li huma stabbiliti, filwaqt li kien hemm nuqqas ta' azzjoni politika. Is-sena l-oħra d-defiċit kbir fil-kont kurrenti mar għall-aħjar, iżda mistenni li jibqa' viżibbilment negattiv, li jwassal għall-persistenza tal-PIIN tassew negattiva. L-inflazzjoni sottostanti wriet li hija aktar stabbli milli mistenni u baqgħet ogħla mill-medja taż-żona tal-euro, filwaqt li l-kostijiet ta' unità lavorattiva qed ikomplu jikbru aktar minn dawk tal-maġġoranza tas-sħab kummerċjali tagħha. Dawn il-pressjonijiet fuq il-prezzijiet u l-kostijiet mhumiex mistennija jonqsu b'mod sinifikanti din is-sena jew wara, u potenzjalment ifixklu t-titjib fil-kompetittività u l-bilanċ kummerċjali. Is-self tal-unitajiet domestiċi kien qed jiżdied b'mod sinifikanti matul is-snin u naqas fl-2023 fost tnaqqis tal-kreditu ipotekarju. Il-prezzijiet tad-djar naqsu iżda għadhom kemxejn sopravalutati u mistennija jerġgħu jiżdiedu sakemm il-provvista tal-akkomodazzjoni tibqa' limitata. Id-domanda għall-akkomodazzjoni hija appoġġata minn interventi ta' politika bħall-allowances ipotekarji adottati reċentement li jfixklu t-trażmissjoni tal-politika monetarja u huma fiskalment għaljin. L-aġġustament fiskali ddewwem, u d-defiċit għoli tal-gvern imbassar li jaggrava din is-sena, filwaqt li l-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern mistenni li jiżdied fl-2024 u l-2025 minkejja t-tkabbir pożittiv tal-PDG, li jżid il-pressjoni fuq id-domanda domestika. B'mod ġenerali, l-azzjoni ta' politika ma kinitx biżżejjed biex tindirizza l-vulnerabbiltajiet li ġew identifikati, u dan ikkontribwixxa biex dawn rabbew l-għeruq. L-aġġustament fiskali jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-inflazzjoni bażika u għat-tisħiħ tal-pożizzjoni esterna kif ukoll għat-trażżin taż-żidiet fid-dejn tal-gvern; it-tnedija tal-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv għandha tirfed aġġustament bħal dan. Hija meħtieġa wkoll azzjoni li ttejjeb il-kompetittività tal-prezzijiet u dik li mhijiex marbuta mal-

prezzijiet u biex jitnaqqsu r-riskji relatati mas-suq tal-akkomodazzjoni u l-akkumulazzjoni tad-dejn tal-unitajiet domestiċi, inkluż billi jiġi żviluppat suq tal-kiri li jiffunzjona.

## L-Istati Membri li qed jesperjenzaw żbilanċi

*Ċipru għadu jesperjenza żbilanċi. Il-vulnerabbiltajiet relatati mad-dejn privat, id-dejn tal-gvern u d-dejn estern naqsu b'mod ġenerali iżda għadhom rilevanti, filwaqt li d-defiċit kbir fil-kont kurrenti kompla jiżdied.* Kemm il-proporzjon tad-dejn tal-unitajiet domestiċi kif ukoll dak korporattiv mhux finanzjarju mal-PDG komplew jonqsu, filwaqt li baqgħu elevati. Madankollu, id-dejn korporattiv u estern jiżdied miegħu id-dejn ta' entitajiet bi skop speċjali mid-dejn ta' entitajiet bi skop speċjali, li joħolqu riskji limitati għall-ekonomija domestika. L-istokk kbir ta' self li ma jrendix miżmum mill-banek naqas b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, inkluż fl-2023, u r-riżoluzzjoni tal-NPLs mill-kumpaniji li jakkwistaw l-kreditu mistennija tappoġġa aktar tnaqqis tad-dejn privat. Madankollu, il-kundizzjonijiet finanzjarji aktar stretti x'aktarx li jżidu l-pressjoni fuq l-unitajiet domestiċi u l-kumpaniji b'dejn għoli. Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern għall-PDG qed jonqos malajr, u Ċipru mbassar li se jsostni bilanċi pożittivi baġitarji din is-sena u s-sena d-dieħla, li se jwassal għal aktar tnaqqis fil-proporzjon tad-dejn. Id-defiċit kbir fil-kont kurrenti kompla jikber fl-2023 ħafna minħabba d-domanda domestika robusta kontinwa u r-ripatrijazzjoni tal-profitti. Din is-sena dan mistenni jibqa' għoli. Il-PIIN negattiva ħafna ma tjibitx is-sena li għaddiet u mistennija tmur lura jekk il-kont kurrenti ma jitjiebx b'mod sinifikanti. Saru sforzi ta' politika estensivi biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet identifikati. L-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tal-RRP u miżuri ulterjuri mistennija jgħinu fl-espansjoni tal-esportazzjonijiet u jtaffu d-dipendenza żejda fuq l-importazzjonijiet taż-żejt.

***Il-Ġermanja** għadha tesperjenza żbilanċi. Il-vulnerabbiltajiet relatati mas-surplus kbir fil-kont kurrenti jibqgħu rilevanti, minkejja xi tnaqqis matul is-snin, peress li l-kwistjoni sottostanti ta' domanda domestika dgħajfa u investiment imrażżan, li għandha rilevanza transfruntiera, għadha tippersisti filwaqt li r-rispons ta' politika kien limitat.* Bi prezzijiet tal-enerġija aktar baxxi, domanda domestika dgħajfa u kummerċ dinji kajman, fl-2023 is-surplus fil-kont kurrenti reġa' żdied għal 5,9 % tal-PDG minn 4,2 % tal-PDG fl-2022. Qed jitbassar li se jiżdied xi ftit aktar din is-sena u s-sena d-dieħla filwaqt li jibqa' ferm taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija. Minħabba d-daqs tal-ekonomija Ġermaniża u l-integrazzjoni kummerċjali tagħha fiż-żona tal-euro, dan għandu effetti konsegwenzjali negattivi fuq il-bqija taż-żona. It-tnaqqis fil-prezzijiet tad-djar naqqas b'mod konsiderevoli l-firxa tas-sopravalutazzjoni tal-prezzijiet tad-djar, u sal-lum kellu impatt limitat fuq is-sistema finanzjarja, għalkemm il-proprjetà immobbli kummerċjali għadha trid tiġi mmonitorjata. It-tnaqqis tal-investiment fl-akkomodazzjoni jista' jwassal biex jerġgħu jitfaċċaw pressjonijiet fuq il-prezzijiet u r-riskji sussegwenti ta' sopravalwazzjoni fil-futur qrib. Fil-futur mistenni deterjorament ħafif tal-kompetittività tal-kostijiet, u l-unitajiet domestiċi qed jibdew jiksbu lura l-kapaċità tal-akkwist peress li l-pagi huma mbassra li se jiżdiedu f'termini reali. L-irkupru tal-investiment privat qed jieħu ż-żmien u l-konsolidazzjoni fiskali mistennija li tkun ta' piż fuq id-domanda domestika, u potenzjalment titfa' pressjoni fuq l-investiment pubbliku. Il-vulnerabbiltajiet sottostanti ġenerali f'termini ta' diskrepanza sinifikanti fit-tfaddil u fl-investiment ma nbidlux b'mod fundamentali: il-bżonn li jsir investiment ilu jikber għadd ta' snin, l-aktar f'dak li jirrigwarda l-investiment pubbliku fil-livell reġjonali u l-investiment korporattiv b'mod ġenerali, li jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku tal-futur. Filwaqt li l-gvern ħa xi azzjoni biex jgħin l-investiment, u l-RRP jinkludi

miżuri importanti għall-promozzjoni tal-investiment, sal-lum id-daqs tar-rispons politiku ma wassalx għal progress sostanzjali u lanqas ma kien biżżejjed biex tiġi indirizzata l-isfida ġenerali ta' investiment privat u pubbliku ogħla.

*L-Ungerija għadha tesperjenza żbilanċi. Il-vulnerabbiltajiet relatati mal-pressjonijiet tal-prezzijiet u l-ħtiġijiet ta' finanzjament estern u tal-gvern għadhom rilevanti, għalkemm it-titjib fl-ambjent estern taffa xi riskji fuq terminu qasir.* Id-defiċit kbir fil-kont kurrenti għalaq fl-2023 hekk kif id-domanda domestika naqset waqt reċessjoni fl-Ungerija, u minħabba prezzijiet tal-enerġija aktar baxxi. Flimkien ma' politika monetarja aktar stretta, dawn il-fatturi għenu biex titnaqqas ir-rata għolja ħafna ta' inflazzjoni. Madankollu, l-inflazzjoni sottostanti baqgħet fost l-ogħla fl-UE, u l-kostijiet ta' unità lavorattiva komplew jikbru b'mod qawwi, u tefgħu pressjoni fuq il-kompetittività. Il-kont kurrenti mistenni jerġa' jkun f'defiċit żgħir hekk kif id-domanda domestika tirkupra, filwaqt li l-ekonomija, u l-finanzjament estern tagħha, għadhom esposti għal żviluppi fil-prezzijiet tal-enerġija u l-primjums tar-riskju. Il-prezzijiet tad-djar naqsu u l-sopravalwazzjoni naqset fl-2023 fl-isfond ta' rati tal-imgħax ogħla. Id-defiċit kbir fil-baġit jippersisti minħabba politiki espansjonarji u tkabbir li qed jiddgħajjef mir-reċessjoni fl-2023. Id-defiċit imbassar li jonqos xi ftit, iżda li jibqa' sinifikanti u jikkontribwixxi għall-inflazzjoni u jżid mal-ħtiġijiet ta' self estern. Id-dejn tal-gvern għall-PDG u l-piż tal-imgħax mistennija jibqgħu għoljin. Il-progress tal-politika kien limitat fl-oqsma kollha, b'mod partikolari dawk fiskali u strutturali, u kkontribwixxa għall-persistenza tal-vulnerabbiltajiet li ġew identifikati. L-aġġustament fiskali jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-inflazzjoni bażika u għat-tisħiħ tal-pożizzjoni esterna kif ukoll għat-trażżin taż-żidiet fid-dejn tal-gvern; it-tnedija ta' Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv għandha tirfed aġġustament bħal dan. L-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tal-RRP mistennija tikkontribwixxi biex jitnaqqsu l-vulnerabbiltajiet, li jissaħħu bit-tneħħija gradwali ta' interventi distorsivi fis-swieq u minn riformi li jappoġġaw il-konsolidazzjoni fiskali.

***In-Netherlands*** *għadhom jesperjenzaw żbilanċi. Il-vulnerabbiltajiet relatati ma' dejn privat għoli f'kuntest ta' suq tad-djar sopravalutat, li għandhom rilevanza transfruntiera,għadhom rilevanti minkejja xi titjib. Il-vulnerabbiltajiet assoċjati mas-surplus kbir fil-kont kurrenti ttaffew permezz tat-tkabbir relattivament qawwi fid-domanda domestika.* Is-surplus kbir fil-kont kurrenti kien, u huwa mistenni li jibqa', elevat bis-saħħa ta' surplus sostanzjali fil-kummerċ tal-oġġetti u s-servizzi, li jirrifletti surplus ta' tfaddil domestiku aktar minn investiment fl-ekonomija kollha kemm hi. Madankollu, f'dawn l-aħħar snin id-domanda domestika qiegħda tikber b'mod aktar robust milli fiż-żona tal-euro, li jissuġġerixxi li r-riperkussjonijiet tas-surplus fil-kont kurrenti fuq il-bqija taż-żona qed isiru anqas inkwetanti. Il-preżenza sinifikanti ta' intrapriżi multinazzjonali fin-Netherlands, l-impatt statistiku tal-qligħ korporattiv li jinżamm, u r-rwol tal-fondi tal-pensjonijiet fl-akkumulazzjoni ta' tfaddil kbir li jiġu investiti barra mill-pajjiż huma kollha karatteristiċi li jikkontribwixxu għad-diskrepanza kbira bejn it-tfaddil u l-investiment. Fl-2023 id-dejn privat kompla jonqos b'mod konsiderevoli, u jista' jseħħ tnaqqis ulterjuri, għalkemm id-dejn għadu għoli. Il-livell għoli ta' dejn flimkien ma' parteċipazzjonijiet kbar ta' assi illikwidi, prinċipalment tfaddil għall-akkomodazzjoni u l-pensjonijiet, jagħmel lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli għall-kundizzjonijiet ekonomiċi li qed jinbidlu, speċjalment minħabba s-sopravalutazzjoni tas-suq tal-akkomodazzjoni. Il-prezzijiet tad-djar urew xi korrezzjoni matul kważi s-sena l-oħra kollha fi sfond ta' kundizzjonijiet ta' finanzjament aktar stretti, iżda għadhom sopravalutati għalkemm anqas minn qabel. Ittieħdu xi miżuri biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet identifikati, iżda

jridu jsiru aktar sforzi biex isir progress ta' politika. Hemm diversi għażliet biex in-nuqqas ta' akkomodazzjoni jiġi indirizzat b'mod aktar qawwi permezz ta' investiment ogħla fl-akkomodazzjoni u t-tneħħija tal-ostakli għall-kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet ġodda, filwaqt li l-inċentivi tat-taxxa għas-sjieda tad-djar iffinanzjata mid-dejn jiġu indirizzati aktar. Ir-riformi reċenti fis-suq tal-kiri privat x'aktarx li ma humiex se jwasslu għad-disponibbiltà ta' akkomodazzjoni.

***L-Iżvezja** għadha tesperjenza żbilanċi. Il-vulnerabbiltajiet relatati mas-suq tal-proprjetà immobbli tagħha u d-dejn privat għoli għadhom rilevanti minkejja xi korrezzjoni reċenti, u l-azzjoni politika biex dawn jiġu indirizzati kienet limitata.* Wara żidiet sinifikanti għal diversi snin, il-prezzijiet tal-proprjetà immobbli ilhom neżlin sa mill-aħħar tal-2022. Id-dejn tas-settur privat naqas meta mqabbel mal-PDG minħabba t-tkabbir nominali għoli tal-PDG, grazzi għall-inflazzjoni għolja, filwaqt li l-livelli tad-dejn żdiedu f'termini nominali. Iż-żieda rapida fir-rati tal-imgħax ħalliet impatt negattiv fuq is-servizz tad-dejn tal-unitajiet domestiċi u tal-kumpaniji tal-proprjetà immobbli kummerċjali, naqqset id-domanda, u affettwat il-prezzijiet tal-proprjetà. Il-prevalenza tar-rati tal-imgħax varjabbli u tal-ipoteki b'durata twila ħafna tefgħet pressjoni fuq il-karti tal-bilanċ tal-unitajiet domestiċi, naqqset il-kapaċità ta' ħlas lura u wasslet għal tnaqqis fil-konsum u kkontribwiet għar-riċessjoni tal-2023. Fl-istess ħin, il-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni ġdida naqset drastikament. Minkejja t-tnaqqis reċenti, il-prezzijiet tad-djar għadhom sopravalutati ferm; il-prezzijiet tal-proprjetà immobbli kummerċjali jidhru wkoll li għadhom ma aġġustawx kompletament u jekk ir-rati tal-imgħax jibqgħu għoljin u l-valutazzjonijiet jonqsu jinħolqu riskji fuq is-servizz tad-dejn. Is-settur finanzjarju huwa espost ħafna għas-settur tal-proprjetà immobbli, iżda l-metrika qawwija tiegħu għandha sservi biex il-problemi tal-proprjetà immobbli ma jmissux lill-ekonomija usa'. Il-progress tal-politika kien limitat, u fin-nuqqas ta' azzjoni aktar soda, il-vulnerabbiltajiet identifikati se jippersistu u jistgħu jwasslu għal żieda mill-ġdid fl-akkwist tad-djar iffinanzjat mid-dejn u s-sopravalutazzjoni tal-prezzijiet tad-djar. Dawn il-kwistjonijiet jistgħu jiġu evitati jekk ikun hemm żieda fil-bini ta' akkomodazzjoni. Barra minn hekk, it-tassazzjoni għadha tippromwovi l-akkwist tad-djar iffinanzjat mid-dejn minħabba t-tnaqqis sinifikanti tat-taxxa fuq il-pagamenti tal-imgħax ipotekarju u biex tiffavorixxi s-sjieda tad-djar. Is-suq tal-kiri ma ġiex riformat.

**L-Istati Membri li qed jesperjenzaw żbilanċi (żbilanċi eċċessivi qabel)**

***Il-Greċja** qed tesperjenza żbilanċi wara li ġie identifikat li kellha żbilanċi eċċessivi fl-2023. Il-vulnerabbiltajiet relatati ma' dejn għoli tal-gvern u self għoli li ma jrendix fil-kuntest ta' qgħad għoli għadhom rilevanti iżda naqsu b'mod sinifikanti u mistennija jkomplu jonqsu, għalkemm il-pożizzjoni esterna għadha dgħajfa.* Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern għall-PDG kompla jonqos, u filwaqt li fl-2023 kien kważi laħaq il-livell għoli ta' 162 %, ir-riskji għas-sostenibbiltà tad-dejn fuq terminu qasir jidhru baxxi. F'dawn l-aħħar snin it-tkabbir nominali tal-PDG kien mutur ewlieni għat-tnaqqis mgħaġġel tal-proporzjon tad-dejn, iżda t-titjib ulterjuri mistenni fil-bilanċi fiskali huwa mistenni li jiżgura li dan ikompli jonqos. Id-defiċit fil-kont kurrenti, li kien kiber b'mod sinifikanti matul is-snin 2020 sa 2022, naqas b'mod sinifikanti fl-2023, iżda għadu għoli f'kuntest ta' domanda domestika qawwija. It-titjib li mistenni jsir fil-kont kurrenti din is-sena u s-sena d-dieħla huwa wieħed marġinali biss peress li t-tkabbir robust fl-investiment huwa mbassar li jżomm l-importazzjonijiet għoljin. Il-proporzjon negattiv ħafna tal-PIIN għall-PDG tjieb ukoll is-sena l-oħra bis-saħħa tat-tkabbir nominali għoli tal-PDG, għalkemm għadu

l-aktar wieħed dgħajjef fl-UE. F'dawn l-aħħar snin, l-NPLs urew tnaqqis qawwi u komplew jonqsu fl-2023, iżda r-ristrutturar tal-NPLs barra mis-settur bankarju għadu għaddej bil-mod, u minħabba f'hekk għadhom ta' piż fuq l-ekonomija. L-impjiegi żdiedu u l-qgħad kompla jonqos għalkemm għadu relattivament għoli. Huwa ċar li s-snin ta' azzjoni politika sostnuta u riformi strutturali estensivi ffavorixxew it-tnaqqis tal-vulnerabbiltajiet identifikati. Iż-żamma tal-pożizzjoni fiskali prudenti u l-implimentazzjoni kontinwa f'waqtha tal-RRP għadhom kruċjali għat-titjib tal-kompetittività u biex jiġi żgurat li l-ekonomija terġa' tibbilanċja ruħha, inkluż dwar il-pożizzjoni esterna.

***L-Italja*** *qed tesperjenza żbilanċi wara li ġiet identifikata li kellha żbilanċi eċċessivi fl-2023. Il-vulnerabbiltajiet kienu relatati ma' dejn għoli tal-gvern u tkabbir dgħajjef fil-produttività, f'kuntest ta' fraġilitajiet fis-suq tax-xogħol u xi dgħufijiet residwi fis-settur finanzjarju, li għandhom rilevanza transfruntiera.* Il-proporzjon tad-dejn pubbliku għall-PDG tal-Italja naqas b'mod sinifikanti mill-ogħla livell li laħaq matul il-kriżi tal-pandemija tal-COVID-19, prinċipalment minħabba tkabbir nominali qawwi tal-PDG. Madankollu, fl-2023 il-proporzjon tad-dejn pubbliku għadu għoli hekk kif qabeż il-137 % tal-PDG, u qed jitbassar li din is-sena u li jmiss jaqbad xejra ta' tnaqqis. Dan it-treġġigħ lura huwa attribwit għal aġġustament kbir bejn il-fondi u l-flussi li jżid id-dejn li, għalkemm qed jonqos, għadu mdaqqas, defiċits tal-gvern, kif ukoll tkabbir nominali tal-PDG aktar baxx. B'mod ġenerali t-tkabbir tal-produttività kien, fuq medja, pożittiv għalkemm limitat, li jikkonferma l-ħtieġa ta' riformi u investiment biex jingħelbu n-nuqqasijiet strutturali u biex jitrawmu kundizzjonijiet favorevoli għat-tkabbir tal-produttività. F'dawn l-aħħar snin il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol tjiebu u ma ssarrfux fi pressjonijiet fuq il-pagi. Ir-rati ta' parteċipazzjoni fix-xogħol żdiedu għal livelli rekord għalkemm dawn għadhom komparattivament baxxi. Is-settur finanzjarju kompla jissaħħaħ b'titjib fil-kwalità u l-profittabbiltà tal-assi bankarji, filwaqt li l-banek Taljani għadhom esposti b'mod konsiderevoli għas-self sovran u garantit mill-Istat fil-karti bilanċjali tagħhom. L-azzjoni ta' politika kienet favorevoli biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-RRP, li fost l-oħrajn jippromwovi l-produttività u t-tkabbir potenzjali tal-PDG biex jitnaqqas il-proporzjon tad-dejn pubbliku fuq terminu itwal. Iż-żamma tal-pass tal-implimentazzjoni tal-RRP għadha essenzjali u sforzi ta' politika addizzjonali jkunu ta' benefiċċju. Hija meħtieġa aktar azzjoni biex jitnaqqas il-proporzjon għoli tad-dejn pubbliku. Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir riformat, inkluża l-applikazzjoni tal-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv, joffri mekkaniżmu ta' sorveljanza xieraq u b'saħħtu li jindirizza r-riskji fuq is-sostenibbiltà fiskali, u li jikkomplimenta s-sorveljanza fl-ambitu tal-MIP.

**L-Istati Membri li qed jesperjenzaw żbilanċi (żbilanċi qabel)**

***Ir-Rumanija****, li kienet identifikata bħala li ma kellhiex żbilanċi fl-2023, instab li qed tesperjenza żbilanċi. Il-vulnerabbiltajiet, relatati ma' kontijiet esterni, prinċipalment marbuta ma' defiċits kbar u li qed jiżdiedu tal-gvern, għadhom hemm, filwaqt li pressjonijiet sinifikanti fuq il-prezzijiet u l-kostijiet żdiedu u l-azzjoni politika kienet dgħajfa.* Id-defiċit fil-kont kurrenti tjieb xi ftit fl-2023, l-aktar minħabba konsum privat u qligħ aktar dgħajfa f'termini ta' kummerċ, iżda huwa ċar li għadu għoli u mhuwiex previst li jitjieb din is-sena u s-sena li jmiss. Minħabba f'hekk, minkejja t-tkabbir nominali għoli tal-PDG, il-PIIN ma għadhiex titjieb bħala sehem tal-PDG u l-kontinwazzjoni ta' defiċits kbar fil-kont kurrenti tirriskja li tkompli twassal għal tnaqqis. L-inflazzjoni nominali naqset iżda l-inflazzjoni sottostanti għadha għolja ħafna, kważi daqs l-ogħla livell riċenti u ogħla minn sena ilu. Id-dinamika tal-pagi u tal-kost lavorattiv

aċċellerat fl-2023 u kompliet tkun b'saħħitha fl-2024, u parzjalment tirrifletti żidiet kbar fil-pagi minimi u pubbliċi, fl-isfond ta' suq tax-xogħol strett. Dan irriżulta fi tħassib dwar il-kompetittività tal-kostijiet, filwaqt li l-kompetittività mhux tal-kostijiet għadha mxekkla minn ostakli strutturali. Dawn il-fatturi kollha jżidu t-tħassib li l-kompetittività li tintilef ma titreġġax lura u d-dewmien għat-titjib meħtieġ fil-bilanċ kummerċjali. Is-sitwazzjoni fiskali, li hija mutur ewlieni tad-defiċit għoli fil-kont kurrenti, marret għall-agħar matul is-sena li għaddiet. Id-defiċit fiskali kbir huwa mbassar li jaggrava xi ftit aktar fl-2024 u l-2025. Il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern żdied minkejja t-tkabbir nominali għoli tal-PDG, għadu moderat għal 53 %, iżda b'sehem kbir minnu denominat f'munita barranija. Il-persistenza ta' defiċits għoljin tal-gvern tista' żżid id-dejn estern u tagħmel ir-Rumanija aktar dipendenti fuq sorsi ta' finanzjament estern, u tħalli lill-pajjiż vulnerabbli għal bidliet fis-sentiment tal-investituri u xokkijiet esterni. Ir-rispons ta' politika biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet identifikati kien dgħajjef. L-istabbiltà tal-ekonomija tiddependi fuq triq kredibbli ta' konsolidazzjoni fiskali. Dan jirrikjedi konformità mar-rakkomandazzjonijiet skont il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv u l-implimentazzjoni sħiħa tar-riformi fiskali-strutturali inklużi fl-RRP, b'mod partikolari dawk li għandhom l-għan li jżidu d-dħul tal-gvern strutturalment, u kontroll tal-infiq ħafna aktar strett milli fis-snin li għaddew. L-implimentazzjoni tar-riformi tal-RRP u l-investiment lil hinn minn dawk fiskali-strutturali wkoll ittejjeb il-kompetittività.